Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 28 ta' Settembru 2020**
**(OR. en)**

**11205/20**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0132(COD)**

**ASILE 7**
**EURODAC 6**
**ENFOPOL 223**
**IXIM 95**
**CODEC 886**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' Settembru 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 614 final |
| Suġġett: | Proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' *data* bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni*], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 614 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 614 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.9.2020
COM(2020) 614 final

2016/0132 (COD)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' *data* bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni*], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818**

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Kuntest u raġunijiet għall-proposta

F'Lulju 2019, il-linji gwida politiċi tal-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen ħabbru Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ibbażat fuq approċċ komprensiv għall-fruntieri esterni, is-sistemi tal-ażil u tar-ritorn, iż-żona Schengen tal-moviment liberu, li jistabbilixxi d-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, il-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni, u biex jippromwovi l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri.

Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ippreżentata flimkien ma' sett ta' proposti leġiżlattivi, li jinkludu din il-proposta li temenda l-proposta tal-2016 għal Regolament Eurodac riformulat, tirrappreżenta bidu ġdid dwar il-migrazzjoni. Fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, il-Patt il-ġdid jirrakkomanda tfassil ta' politika integrat, li jiġbor flimkien politiki fl-oqsma tal-ażil, tal-migrazzjoni, tar-ritorni, tal-protezzjoni tal-fruntieri esterni u tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi ewlenin.

L-isfidi tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, inklużi dawk relatati mal-wasliet irregolari u r-ritorn, ma għandhomx jiġu indirizzati biss minn Stati Membri individwali, iżda mill-UE kollha kemm hi. Huwa meħtieġ qafas Ewropew li jista' jimmaniġġja l-interdipendenza bejn il-politiki u d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri. Dan il-qafas għandu jqis ir-realtajiet dejjem jinbidlu tal-migrazzjoni, li wasslu għal kumplessità akbar u ħtieġa intensifikata għal koordinazzjoni. Għalkemm l-għadd ta' wasliet irregolari fl-Unjoni naqas bi 92 % mill-2015, għad hemm għadd ta' sfidi strutturali li jpoġġu s-sistemi tal-ażil, tal-akkoljenza u tar-ritorn tal-Istati Membri taħt pressjoni.

Filwaqt li maż-żmien, l-għadd ta' wasliet irregolari naqas, il-proporzjon ta' migranti li jaslu minn pajjiżi b'rati ta' rikonoxximent aktar baxxi minn 25 %, żdied minn 14 % fl-2015 għal 57 % fl-2018. Barra minn hekk, kien hemm proporzjon dejjem jikber ta' każijiet kumplessi, billi l-wasla ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bi ħtiġijiet ċari ta' protezzjoni internazzjonali fl-2015-2016 ġiet parzjalment sostitwita b'wasliet ta' persuni b'rati ta' rikonoxximent aktar diverġenti. Barra minn hekk, minkejja t-tnaqqis fil-wasliet irregolari mill-2015 fl-UE kollha, l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali kompla jiżdied, u hemm differenza ta' erba' darbiet meta dan jitqabbel mal-għadd ta' wasliet. Dawn ix-xejriet jindikaw li dan l-ivvjaġġar se jkompli u applikazzjonijiet multipli għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE. Fl-aħħar nett, in-natura tal-wasliet wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ titlob rispons speċifiku bħala parti mis-sistema ġenerali ta' ġestjoni tal-migrazzjoni, filwaqt li tirrikonoxxi li l-Istati Membri li jridu jindirizzaw il-konsegwenzi tal-wasliet wara t-tfittxija u s-salvataġġ jiffaċċjaw sfidi speċifiċi.

Il-proporzjon dejjem jiżdied ta' applikanti għall-ażil li x'aktarx ma jirċevux protezzjoni internazzjonali fl-UE jirriżulta f'piż akbar biex jiġu pproċessati mhux biss l-applikazzjonijiet għall-ażil, iżda wkoll ir-ritorn ta' migranti irregolari li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew irrifjutati jew meqjusa inammissibbli. Ir-ritorn ta' migranti irregolari li qatt ma japplikaw għal protezzjoni internazzjonali jkompli jżid ma' dan. Għalhekk, huwa aktar importanti minn qatt qabel li jkun hemm rabta bla xkiel bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn. Daqstant importanti huwa li jkun hemm ħidma lejn sistema ta' ritorn aktar Ewropea. Il-migranti irregolari li ma jkollhom l-ebda intenzjoni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu diretti

immedjatament lejn il-proċedura ta’ ritorn u mhux isibu ruħhom, awtomatikament, fil-proċedura tal-ażil.

Bl-istess mod, il-pressjoni fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri tkompli tpoġġi piż kbir fuq l-Istati Membri tal-ewwel wasla kif ukoll fuq is-sistemi tal-ażil ta’ Stati Membri oħra permezz ta’ movimenti mhux awtorizzati. Is-sistema attwali mhijiex biżżejjed biex tindirizza dawn ir-realtajiet. B’mod partikolari, bħalissa ma hemm l-ebda mekkaniżmu ta’ solidarjetà effettiv fis-seħħ.

Il-Patt il-Ġdid jibni fuq il-proposti tal-Kummissjoni għal riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil mill-2016, u fuq il-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn tal-2018, kif ukoll iżid elementi ġodda addizzjonali biex jiżgura l-bilanċ meħtieġ għal qafas komuni li jiġbor flimkien l-aspetti kollha tal-politika dwar l-ażil u l-migrazzjoni. Il-proposta li temenda l-proposta tal-2016 għal riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac[1] tistabbilixxi rabta ċara u konsistenti bejn l-individwi speċifiċi u l-proċeduri li jiġu soġġetti għalihom sabiex tgħin aħjar fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u fid-detezzjoni ta’ movimenti mhux awtorizzati. Il-proposta tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ solidarjetà l-ġdid u tinkludi emendi konsegwenzjali li se jippermettu lill-Eurodac tiffunzjona fil-qafas tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE.

Flimkien ma’ din il-proposta, il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta għal Regolament ġdid dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni[2] li jistabbilixxi qafas komuni għall-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni fil-livell tal-UE, bħala parti minn approċċ komprensiv.

Barra minn hekk, il-proposta li temenda l-proposta tal-2016 għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil[3] u l-proposta għal Regolament li jistabbilixxi Skrinjar[4], jiżguraw rabta bla xkiel bejn l-istadji kollha tal-proċedura tal-migrazzjoni, mill-proċedura l-ġdida ta’ qabel id-dħul sar-ritorn taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi u ta’ persuni apolidi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Dan l-iskrinjar ikun jikkonsisti f’kontrolli tal-identità, tas-saħħa u tas-sigurtà mal-wasla, bil-għan li l-persuna kkonċernata tiġi diretta lejn il-proċedura applikabbli, jiġifieri r-ritorn, ir-rifjut tad-dħul jew l-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

- **Objettivi tal-proposta**

Permezz tal-proposta tal-Kummissjoni tal-2016, il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Eurodac diġà kien twessa’ billi ġew miżjuda kategoriji ġodda ta’ persuni li jenħtieġ li tinħażen *id-data* tagħhom, u dan jippermetti li jiġu identifikati l-migranti irregolari; barra minn hekk ġie prospost li titnaqqas l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba’, jiġi permess il-ġbir tal-informazzjoni dwar l-identità flimkien *mad-data* bijometrika, u jiġi estiż il-perjodu tal-ħżin *tad-data*.

Il-proposta li temenda l-proposta tal-2016 tibni fuq ftehim proviżorju bejn il-koleġiżlaturi, tikkumplimenta dawn il-bidliet u għandha l-għan li tittrasforma l-Eurodac f’bażi ta’ *data* komuni Ewropea biex tappoġġa l-politiki tal-UE dwar l-ażil, ir-risistemazzjoni u l-migrazzjoni irregolari. Għalhekk għandha tappoġġa l-applikazzjoni tad-diversi miżuri u tar-regoli previsti fil-proposta għal Regolament ġdid dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni (pereż. ir-rilokazzjoni, iċ-ċaqliq tar-responsabbiltà) u tiżgura l-konsistenza mal-proposta għal Regolament dwar l-Iskrinjar. Barra minn hekk, għandha l-għan li tiġbor *data* aktar preċiża u

[1] ĠU L […], […], p. […].
[2] ĠU L […], […], p. […].
[3] ĠU L […], […], p. […].
[4] ĠU L […], […], p. […].

kompluta biex tinforma t-tfassil tal-politika u b'hekk tgħin aħjar fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u fid-detezzjoni ta' movimenti mhux awtorizzati billi, minbarra l-applikazzjonijiet, ikun hemm ukoll l-għadd tal-applikanti individwali. Għandha wkoll l-għan li tappoġġa l-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' politika xierqa f'dan il-qasam billi tippermetti li titfassal statistika li tikkombina *data* minn diversi bażijiet tad-*data*. Objettiv ieħor huwa li jingħata appoġġ addizzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali li jittrattaw l-applikanti għall-ażil li l-applikazzjoni tagħhom tkun diġà ġiet irrifjutata fi Stat Membru ieħor permezz tal-immarkar tal-applikazzjonijiet rifjutati. Fl-aħħar nett, ir-Regolamenti li jistabbilixxu qafas dwar l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-informazzjoni tal-UE, b'mod partikolari r-Regolament 2019/818, jinkludi l-Eurodac fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Fil-mument meta ġew adottati r-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà, ma setgħux isiru emendi li jirriżultaw mill-qafas tal-interoperabbiltà u relatati mal-aċċess *għad-data* tal-Eurodac, billi l-bażi *tad-data* attwali tal-Eurodac ma tinkludix *data* tal-identità alfanumerika. B'konsegwenza ta' dan, din il-proposta tinkludi għadd ta' emendi li għandhom l-għan li jiżguraw li l-Eurodac taħdem sew fil-qafas il-ġdid tal-interoperabbiltà u b'dan il-għan, tippreżenta aktar emendi meħtieġa għal żewġ strumenti legali oħra, jiġifieri r-Regolament VIS u r-Regolament ETIAS.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija kompletament konsistenti mal-Komunikazzjoni dwar il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u mal-Pjan Direzzjonali ta' inizjattivi li jakkumpanjawh, inklużi l-proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, il-proposta għal Regolament dwar l-Iskrinjar u l-proposta emendata għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil.

Din il-proposta tistabbilixxi l-limiti ta' żmien previsti għat-teħid u t-trażmissjoni ta' *data* bijometrika tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Il-punt minn meta jibdew jiddekorru dawn il-limiti ta' żmien ġie stabbilit b'kont meħud tal-istadji ta' qabel id-dħul previsti fil-proposta għal Regolament dwar l-Iskrinjar. Fir-rigward tal-proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, din il-proposta tiżgura li l-informazzjoni kollha meħtieġa tkun disponibbli għal rilokazzjoni jew it-trasferiment eventwali skont il-mekkaniżmu għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex tiġi eżaminata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Din il-proposta tiżgura wkoll konsistenza mar-reġim speċjali propost għat-trattament ta' persuni żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni.

Fir-rigward tal-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn, din il-proposta żżid l-informazzjoni meħtieġa fil-Eurodac biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' persuni li l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali ġiet miċħuda.

Ir-Regolamenti (UE) 2019/817[5] u (UE) 2019/818[6] dwar l-Interoperabbiltà jinkludu b'mod espliċitu l-Eurodac fost il-bażijiet *tad-data* li jikkomunikaw ma' xulxin permezz tal-

---

[5] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-84.

[6] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85–135.

interoperabbiltà. Dan joħroġ mill-fatt li l-Eurodac hija inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-interoperabbiltà kif stabbilit fiż-żewġ Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà, mir-referenzi ripetuti tagħha fil-premessi bħala li tipparteċipa fil-pjattaforma tal-interoperabbiltà, u fl-artikoli operazzjonali huwa previst li l-Eurodac tfittex fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra. B'mod partikolari, l-Artikolu 69 tar-Regolament 2019/817 jistabbilixxi li l-Eurodac se tkun fost l-erba' sistemi tal-UE li *d-data* tagħhom għandha tiġi konnessa matul il-perjodu ta' tranżizzjoni sal-bidu tal-operat tal-MID biex jiġu detetti identitajiet multipli (multiple-identity detection, MID). Madankollu, mit-test taż-żewġ Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà joħroġ daqstantieħor ċar ukoll li l-biċċa l-kbira tal-proċessi li jiġu stabbiliti minnhom mhux se japplikaw fir-rigward tal-Eurodac qabel id-data meta tibda tapplika r-riformulazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 attwali tal-Eurodac[7]. Madankollu, biex l-applikazzjoni sħiħa tal-interoperabbiltà ssir effettiva, huma meħtieġa għadd ta' emendi tar-Regolament (UE) 2019/818 u tar-regolament Eurodac innifsu. Dawn l-emendi, partikolarment relatati mal-aċċess għad-*data* tal-Eurodac, ma setgħux isiru fil-mument tal-adozzjoni tar-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà, billi l-bażi tad-*data* tal-Eurodac fil-forma attwali tagħha ma fihiex *data* alfanumerika dwar l-identità. L-emendi li saru lill-Eurodac permezz ta' din il-proposta, b'mod partikolari l-kategoriji kollha ta' *data* personali li se jiġu rreġistrati f'din l-okkażjoni, jagħmlu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Eurodac fil-pjattaforma tal-interoperabbiltà sinifikattiva u operazzjonali.

Fl-aħħar nett, il-proposta tiżgura wkoll konsistenza mal-ftehimiet politiċi proviżorji li diġà ntlaħqu dwar ir-Regolament dwar il-Kwalifika, id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, ir-Regolament dwar il-Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni, u r-Regolament tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil billi l-elementi tal-proposta tal-Eurodac tal-2016 li jikkonċernaw dawn il-proposti ma ġewx immodifikati mill-proposta emendata.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija marbuta mill-qrib u tikkomplementa politiki oħrajn tal-Unjoni, jiġifieri:

(a) **L-interoperabbiltà:** Din il-proposta trid tiżgura l-funzjonament tal-Eurodac fil-qafas tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE.

(b) **Il-protezzjoni *tad-data:*** Din il-proposta trid tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata tal-individwi li *d-data* personali tagħhom hija pproċessata fil-Eurodac.

(c) **Is-sigurtà:** Din il-proposta tqis l-istadju ta' qabel id-dħul previst fil-proposta għal Regolament dwar l-Iskrinjar, li jipprevedi kontroll tas-sigurtà.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta tuża l-Artikolu 78(2)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bħala l-bażi ġuridika biex tagħmel it-teħid ta' *data* bijometrika pass obbligatorju fil-qafas tal-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali. Hija tuża l-Artikolu 78(2)(e) bħala bażi ġuridika rigward il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi ddeterminat liema Stat Membru huwa responsabbli biex jikkunsidra applikazzjoni għall-ażil jew protezzjoni sussidjarja. Tuża wkoll l-Artikolu 78(2)(g) bħala bażi ġuridika għad-dispożizzjonijiet relatati mar-risistemazzjoni.

[7] L-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2019/817, l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) 2019/818.

Barra minn hekk, hija tuża l-Artikolu 79(2)(c) bħala l-bażi ġuridika fir-rigward tal-elementi ta' identifikazzjoni ta' ċittadin irregolari ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolida rigward l-immigrazzjoni irregolari u r-residenza mhux awtorizzata, inkluża t-tneħħija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni; l-Artikolu 87(2)(a) bħala l-bażi ġuridika fir-rigward tal-elementi relatati mal-ġbir, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni relevanti għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi; u l-Artikolu 88(2)(a) bħala l-bażi ġuridika fir-rigward tal-kamp ta' azzjoni u l-kompiti tal-Europol inkluż il-ġbir, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju tal-informazzjoni.

- **Ġeometrija varjabbli**

L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) Nru 603/2013, billi hija nnotifikat ix-xewqa tagħha, fuq il-bażi tal-protokoll imsemmi hawn fuq, li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

F'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda, dan l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din il-proposta. Għandu wkoll din l-għażla wara l-adozzjoni tal-proposta.

Skont il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V TFUE (bl-eċċezzjoni tal-"miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, jew miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' format uniformi għall-viżi"). Għaldaqstant, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta minnu u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Madankollu, billi d-Danimarka tapplika r-Regolament Eurodac attwali, wara ftehim internazzjonali li hi kkonkludiet mal-UE fl-2006, hi għandha, skont l-Artikolu 3 ta' dan il-ftehim[8], tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha jekk hux se timplimenta jew le l-kontenut tar-Regolament emendat.

- **Impatt tal-proposta fuq id-Danimarka u Stati Membri mhux fl-UE assoċjati mas-sistema (preċedenti) ta' Dublin**

Flimkien mal-assoċjazzjoni ta' diversi pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE mal-acquis ta' Schengen, il-Komunità kkonkludiet diversi ftehimiet li jassoċjaw dawn il-pajjiżi anki mal-acquis (preċedenti) ta' Dublin/Eurodac:

– il-ftehim ta' assoċjazzjoni tal-Iżlanda u tan-Norveġja, konkluż fl-2001[9];

– il-ftehim ta' assoċjazzjoni tal-Iżvizzera, konkluż fit-28 ta' Frar 2008[10];

– il-protokoll ta' assoċjazzjoni ta' Liechtenstein, konkluż fit-18 ta' Ġunju 2011[11].

---

8 Ftehim bejn id-Danimarka u l-Komunità dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil iddepożitata fid-Danimarka jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u Eurodac għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin, ĠU L 66, 8.3.2006, p. 37

9 Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażilju ppreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja, ĠU L 93, 3.4.2001, p. 40.

10 Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera) (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5)

11 Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni

Sabiex jinħolqu drittijiet u obbligi bejn id-Danimarka – li, kif spjegat hawn fuq, ġiet assoċjata mal-acquis (preċedenti) ta' Dublin/Eurodac permezz ta' ftehim internazzjonali – u l-pajjiżi assoċjati msemmija hawn fuq, ġew konklużi żewġ strumenti oħrajn bejn il-Komunità u l-pajjiżi assoċjati[12].

F'konformità mat-tliet ftehimiet imsemmija hawn fuq, il-pajjiżi assoċjati għandhom jaċċettaw l-acquis (preċedenti) ta' Dublin/Eurodac u l-iżviluppi tiegħu mingħajr eċċezzjoni. Għalkemm ma jieħdux sehem fl-adozzjoni ta' xi att li jemenda jew li jibni fuq l-acquis (preċedenti) ta' Dublin (jiġifieri lanqas fl-adozzjoni ta' din il-proposta) dawn il-pajjiżi għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fi żmien stipulat bid-deċiżjoni tagħhom jekk jaċċettawx jew le l-kontenut ta' dan l-att, ladarba jkun approvat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. F'każ li n-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera jew il-Liechtenstein ma jaċċettawx att li jemenda jew li jibni fuq l-acquis (preċedenti) ta' Dublin/Eurodac, tiġi applikata l-klawżola tal-"gilljottina" u l-ftehimiet rispettivi jintemmu, sakemm il-Kumitat Konġunt/Imħallat stabbilit mill-ftehimiet ma jiddeċidix mod ieħor b'unanimità.

Il-kamp tal-applikazzjoni tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni msemmija hawn fuq mal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, kif ukoll il-ftehim parallel mad-Danimarka ma jkoprix l-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-Eurodac. Għal dan il-għan, ftehimiet kumplimentari ma' dawk l-Istati Assoċjati jinsabu fil-proċess ta' ratifika.

- **Sussidjarjetà**

Il-proposta attwali tistipula li t-tqabbil ta' *data* tal-marki tas-swaba' bl-użu tal-Eurodac jista' jsir biss wara li l-bażijiet *tad-data* nazzjonali tal-marki tas-swaba' u l-Bażijiet *tad-Data* Awtomatizzati tal-Marki tas-Swaba' ta' Stati Membri oħra skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI (il-Ftehimiet ta' Prüm) jagħtu riżultati negattivi. Din ir-regola tfisser li jekk xi Stat Membru ma jkunx implimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' hawn fuq u ma jkunx jista' jwettaq il-verifika ta' Prüm, lanqas ma jista' jagħmel verifika fil-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. Bl-istess mod, kwalunkwe Stat assoċjat li ma jkunx implimenta jew ma pparteċipax fil-Ftehimiet ta' Prüm ma jistax iwettaq tali verifika fil-Eurodac.

L-inizjattiva proposta tikkostitwixxi żvilupp ieħor tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u biex jiġi żgurat li regoli komuni dwar il-ġbir ta' *data* dwar il-marki tas-swaba' u l-immaġni tal-wiċċ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet tal-Eurodac huma applikati bl-istess mod fl-Istati Membri kollha. Hija toħloq strument li jipprovdi lill-Unjoni Ewropea b'informazzjoni dwar kemm ċittadini minn pajjiżi terzi jidħlu fl-UE b'mod irregolari jew wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ u japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, li huwa indispensabbli għat-tfassil ta' politika sostenibbli u bbażata fuq l-evidenza fil-qasam tal-migrazzjoni u l-politika dwar il-viża.

---

Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera, ĠU L 160, 18.6.2011, p. 39.

12 Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (2006/0257 CNS, konkluż fl-24.10.2008, ĠU L 161, 24.06.2009, p. 8) u l-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażilju ppreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001 - Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19 Volum 04 p. 78).

Din il-proposta se tassisti wkoll lill-Istati Membri biex jidentifikaw ċittadini minn pajjiżi terzi b'soġġorn illegali u dawk li jkunu daħlu fl-Unjoni Ewropea b'mod irregolari fil-fruntieri esterni, bil-ħsieb li din l-informazzjoni tintuża biex tgħin Stat Membru sabiex jipprovdi dokumenti lil ċittadin ta' pajjiż terz għall-finijiet ta' ritorn.

Minħabba n-natura tranżnazzjonali tal-problemi relatati mal-protezzjoni għall-ażil u l-protezzjoni tar-refuġjati, l-UE qiegħda fil-pożizzjoni t-tajba sabiex tipproponi soluzzjonijiet fil-qafas tas-Sistema Komuni Ewropea għall-Ażil (Common European Asylum System, CEAS) għall-kwistjonijiet deskritti aktar 'il fuq bħala problemi dwar ir-Regolament Eurodac.

Emenda tar-Regolament Eurodac hi meħtieġa wkoll sabiex jiġi miżjud skop addizzjonali, jiġifieri l-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u l-movimenti mhux awtorizzati ta' migranti irregolari fl-UE u fir-rigward ta' din l-emenda, skop li jippermetti li minbarra l-applikazzjonijiet, jingħaddu wkoll l-applikanti. Dan l-għan ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri waħedhom. Bl-istess mod, l-applikazzjoni effiċjenti tar-raġunijiet għall-esklużjoni skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni] ma tistax issir mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. Fl-aħħar nett, il-modifiki meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tal-qafas tal-interoperabbiltà jistgħu jiġu proposti biss mill-Kummissjoni u fil-livell tal-UE, mhux mill-Istati Membri waħedhom.

- **Proporzjonalità**

L-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jgħid li azzjoni mill-Unjoni ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi tat-Trattat. Il-forma magħżula għal din l-azzjoni tal-UE trid tippermetti li l-proposta tilħaq l-għan tagħha u li tkun implimentata bl-iktar mod effettiv possibbli.

Il-proposta hija xprunata mill-prinċipji ta' privatezza prestabbilita u mid-disinn, li jirrikjedu li l-proċessi tan-negozju tal-Eurodac jitfasslu mill-bidu sabiex jaderixxu mal-prinċipji tal-protezzjoni *tad-data*, u hija proporzjonata f'termini tad-dritt għall-protezzjoni *tad-data* personali fis-sens li ma teħtiġx il-ġbir u l-ħażna ta' aktar *data* għal perjodu itwal milli huwa assolutament meħtieġ biex is-sistema tkun tista' tiffunzjona u tilħaq l-għanijiet tagħha. Barra minn hekk, is-salvagwardji u l-mekkaniżmi kollha meħtieġa għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Eurodac, se jiġu previsti u implimentati, partikolarment il-protezzjoni tal-ħajja privata u *tad-data* personali tagħhom.

Fil-livell tal-UE, mhux se jkun hemm il-bżonn ta' proċessi jew ta' armonizzazzjoni ulterjuri biex is-sistema tiffunzjona. Il-miżura prevista hija proporzjonata fis-sens li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ f'termini ta' azzjoni fil-livell tal-UE biex jintlaħqu l-objettivi definiti.

- **Għażla tal-istrument u teknika leġiżlattiva**

Din il-proposta temenda l-proposta tal-2016 għal riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac. Filwaqt li l-Kummissjoni tappoġġa l-elementi kollha tal-ftehim proviżorju bejn il-koleġiżlaturi dwar il-proposta tal-2016 għal riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac, minn dak il-ftehim proviżorju din il-proposta emendata tinkludi biss l-artikoli li huma proposti li jiġu modifikati b'mod sinifikanti. Għalhekk, ċerti artikoli miftiehma b'mod proviżorju bejn il-koleġiżlaturi (pereż. l-artikoli dwar persuni fi proċedura ta' ammissjoni u dwar persuni risistemati) mhumiex inklużi. Konsegwentement, f'każ ta' tlieta mill-artikoli f'din il-proposta emendata (l-Artikolu 9 dwar l-Istatistika, l-Artikolu 19 dwar l-Immarkar u l-imblukkar *tad-*

*data* u l-Artikolu 40a li jintroduċi emendi għar-Regolament (UE) 2019/818) xi wħud mill-elementi tal-ftehim proviżorju (jiġifieri, il-partijiet li jirreferu għal persuni fi proċedura ta' ammissjoni u għal persuni risistemati) ma setgħux jiġu inklużi billi ma kienx possibbli li ssir kontroreferenza għall-artikoli rispettivi. Barra minn hekk, jeħtieġ li jsiru xi aġġustamenti tekniċi ulterjuri għal artikoli oħra koperti mill-ftehim proviżorju biex jiġu riflessi l-bidliet introdotti minn din il-proposta emendata.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### • Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Din il-proposta temenda proposta eżistenti u għalhekk ma hemm l-ebda evalwazzjoni *ex-post*/kontroll tal-idoneità disponibbli tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Madankollu, hemm evidenza disponibbli permezz ta' sorsi oħra li jindikaw il-ħtieġa ta' dawn l-emendi. Għalhekk, fir-rigward tad-*data* miġbura fil-qasam tal-ażil, id-diskussjonijiet li saru mal-Istati Membri (pereż. fil-korpi preparatorji tal-Kunsill) mill-2016 'il quddiem enfasizzaw firxa ta' elementi li jaffettwaw l-effiċjenza tar-rispons tat-tfassil tal-politika. F'dan is-sens, il-pożizzjonijiet espressi matul in-negozjati tal-pakkett tas-SEKA tal-2016, id-diskussjonijiet li saru f'diversi fora oħra, kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak politiku u l-kontributi għall-Patt il-ġdid li saru minn Stati Membri differenti, indikaw il-pressjoni li movimenti mhux awtorizzati jagħmlu fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri. Dawn indikaw ukoll il-limitazzjonijiet tal-analiżi attwali[13] f'dan il-qasam li ma jipprovdux stampa preċiża tal-fenomenu. Dan huwa relatat mal-fatt li *d-data* disponibbli għal tali finijiet tirreferi għal proċeduri amministrattivi minflok individwi. Billi bħalissa ma hemm l-ebda numri preċiżi fir-rigward ta' kemm hemm applikanti (għall-ewwel darba) fl-UE u kemm minnhom jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor, kwalunkwe tentattiv ulterjuri biex jiġi analizzat il-fenomenu (pereż. ir-raġunijiet wara dawn il-movimenti, il-profili, il-destinazzjonijiet preferuti) huma awtomatikament spekulattivi fin-natura tagħhom. Konsegwentement, l-identifikazzjoni ta' risponsi ta' politika xierqa għal dawn il-movimenti hija nieqsa kemm minn direzzjoni preċiża kif ukoll mill-effiċjenza.

Bl-istess mod, id-diskussjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-rabta bejn l-ażil u r-ritorn inkluż billi l-informazzjoni meħtieġa ssir disponibbli immedjatament għall-awtoritajiet rilevanti.

### • Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Qabel it-tnedija tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew u lill-partijiet ikkonċernati f'għadd ta' okkażjonijiet biex tiġbor il-fehmiet tagħhom dwar il-Patt futur dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil bejn Diċembru 2019 u Lulju 2020. B'mod parallel, il-Presidenzi tar-Rumanija, tal-Finlandja u tal-Kroazja kellhom skambji kemm strateġiċi kif ukoll tekniċi dwar il-futur ta' diversi aspetti tal-politika dwar il-migrazzjoni, inkluż l-ażil, ir-ritorn, ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. Dawn il-konsultazzjonijiet u l-iskambji wrew appoġġ għal bidu ġdid dwar il-politika Ewropea dwar l-ażil u l-migrazzjoni biex jiġu indirizzati b'mod urġenti n-nuqqasijiet fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, biex titjieb l-effettività tas-sistema ta' ritorn, jiġu strutturati aħjar u jiġu mgħammra r-relazzjonijiet tagħna ma' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni u jkun hemm l-għan ta' riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti li jirritornaw.

[13] Ara pereżempju r-rapport tal-EASO dwar il-movimenti sekondarji (mhux pubbliku).

Ġew organizzati għadd ta' workshops u diskussjonijiet matul il-Presidenza Finlandiża f'diversi fora tal-Kunsill, inkluża l-konferenza ta' Tampere 2.0 li saret fl-24-25 ta' Ottubru 2019 f'Helsinki u l-Forum ta' Salzburg li sar fi Vjenna fis-6-7 ta' Novembru 2019, fejn l-Istati Membri laqgħu l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tniedi mill-ġdid ir-riforma ta' Dublin sabiex jinstabu forom ġodda ta' solidarjetà li l-Istati Membri kollha jkunu obbligati jikkontribwixxu għalihom. L-Istati Membri enfasizzaw li l-miżuri ta' solidarjetà għandhom jimxu id f'id ma' miżuri ta' responsabbiltà. Barra minn hekk, huma enfasizzaw il-ħtieġa urġenti li jiġu miġġielda movimenti mhux awtorizzati fl-UE, kif ukoll li jiġu infurzati r-ritorni għal dawk li mhumiex fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

F'diversi okkażjonijiet, il-Kummissarju Johansson u s-servizzi tal-Kummissjoni kellhom konsultazzjonijiet iffokati mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ), ir-rappreżentanti tal-Inizjattiva għat-Tfal fil-Migrazzjoni, u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi lokali rilevanti fl-Istati Membri. F'dan il-proċess ta' konsultazzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi ffukaw fuq approċċ komuni għal standards speċifiċi għat-tfal wara l-Komunikazzjoni tal-2017 dwar it-Tfal Migranti[14]. Is-soċjetà ċivili ġiet ikkonsultata wkoll fil-proċess tal-Forum Konsultattiv stabbilit mill-EASO, dwar suġġetti bħall-passi inizjali fil-proċedura tal-ażil (2019).

Il-Kummissjoni qieset diversi rakkomandazzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali u lokali[15] mhux governattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-UNHCR,[16] l-IOM[17], kif ukoll gruppi ta' riflessjoni u l-akkademja, dwar kif wieħed jista' jagħmel bidu ġdid u jindirizza l-isfidi attwali tal-migrazzjoni f'konformità mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-fehma tagħhom, bidu ġdid tar-riforma għandu jirrevedi ċerti regoli għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà u jipprevedi mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorja inkluż għal persuni żbarkati wara operazzjoni SAR. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi jirrakkomandaw ukoll fehim komuni tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri u appellaw biex ir-regoli riveduti ta' Dublin jinkludu mekkaniżmu ta' rilokazzjoni aktar permanenti[18]. Fil-qafas tal-proġett MEDAM, pereżempju, iċ-Ċentru tal-Politika dwar il-Migrazzjoni rrakkomanda li tiddaħħal tabella ta' valutazzjoni tal-politika dwar il-migrazzjoni bil-għan li jiġi mmonitorjat il-progress dwar l-ażil u l-migrazzjoni fil-livell tal-UE[19].

Il-Kummissjoni qieset ukoll il-kontributi u l-istudji tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni[20], li tnedew bl-inizjattiva tagħha u li matul l-aħħar snin ipproduċew diversi studji speċjalizzati u mistoqsijiet *ad hoc*.

---

14 L-Inizjattiva għat-Tfal Migranti appellat biex ikun hemm approċċ komuni biex tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' tfal nieqsa (mhux akkumpanjati u separati), biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi biex jiġu indirizzati r-riskji tat-traffikar, u jiġu adottati standards speċifiċi għat-tfal għall-proċeduri tal-ażil.

15 Pereżempju, Pjan ta' Azzjoni ta' Berlin dwar Politika Ewropea ġdida dwar l-Ażil, il-25 ta' Novembru 2019, iffirmat minn 33 organizzazzjoni u muniċipalità.

16 Rakkomandazzjonijiet tal-UNHCR għall-Patt propost mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, Jannar 2020.

17 Rakkomandazzjonijiet tal-IOM għall-Patt il-ġdid tal-Unjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, Frar 2020.

18 Rapport tal-Proġett tas-CEPS, *Search and rescue, disembarkation and relocation arrangements in the Mediterranean Sailing Away from Responsibility?*, Ġunju 2019.

19 Sommarju tal-politika tal-EUI, *Migration policy scoreboard: A Monitoring Mechanism for EU Asylum and Migration policy*, Marzu 2020

20 L-istudji u r-rapporti kollha tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni huma disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/networks/european_migration_network_en.

- **It-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza**

Il-Kummissjoni tiffavorixxi tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza u tirreferi għad-dokument separat (XXX) li jagħti dettalji dwar *id-data* u elementi li jappoġġaw l-approċċ propost għad-diversi sfidi identifikati mill-2016 'il quddiem għall-finalizzazzjoni tar-riforma tas-SEKA.

Fir-rigward tal-Eurodac, dawn jirreferu prinċipalment għall-possibbiltajiet limitati attwali għall-analiżi ta' movimenti mhux awtorizzati minħabba l-limitazzjonijiet li ġġib magħha *d-data* disponibbli (*data* li tirreferi għal applikazzjonijiet minflok individwi), għall-ħtieġa li jiġu riflessi r-regoli l-ġodda introdotti fil-proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u għall-ħtieġa li jiġu introdotti emendi fir-Regolament Eurodac li jippermettu l-funzjonament tas-sistema fil-qafas tal-interoperabbiltà.

- **Drittijiet fundamentali**

L-ispjegazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali marbuta mar-Regolament riformulat propost fl-2016 jibqgħu validi.

Fost l-elementi l-ġodda introdotti mill-proposta emendata, il-konnessjoni tas-settijiet kollha *tad-data* li jappartjenu għal persuna waħda f'sekwenza waħda biex jippermetti l-għadd ta' applikanti minbarra l-għadd ta' applikazzjonijiet mhux se jimmodifika l-mod kif tinġabar u tiġi pproċessata *d-data* bijometrika. Ma hu se jinħoloq l-ebda fajl ġdid. L-Istati Membri se jżommu s-sjieda tas-sett tad-*data* trażmess u se japplikaw is-salvagwardji kollha, il-ħżin tad-*data* u r-regoli tas-sigurtà tad-*data* previsti mill-proposta oriġinali tal-2016. Barra minn hekk, se jkunu previsti wkoll salvagwardji xierqa fir-rigward tal-proċedura ta' konnessjoni billi s-settijiet *tad-data* se jkunu marbuta fis-sekwenza biss meta l-hit tiġi kkonfermata mill-Istati Membri (b'verifika minn espert tal-marki tas-swaba' jekk ikun meħtieġ). Fir-rigward tal-kategorija l-ġdida ta' persuni żbarkati wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, tali persuni diġà huma rreġistrati fil-Eurodac taħt il-kategorija ta' persuni li nqabdu b'konnessjoni ma' qsim irregolari tal-fruntiera esterna. Il-kategorija separata l-ġdida tagħti stampa aktar preċiża tal-flussi migratorji u tiffaċilita l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, regoli bħal dawn jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal dawk il-persuni miġjuba l-art wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ billi jippermettu riflessjoni aktar korretta tal-i*status* tagħhom billi dawn mhux se jkunu rreġistrati bħala persuni li jaqsmu l-fruntiera b'mod irregolari. Se tinġabar l-istess *data* bħal dik għall-kategoriji l-oħra li jkollhom l-istess regoli u salvagwardji għat-trażmissjoni, għall-ipproċessar u għall-ħżin.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta timplika emenda teknika tas-sistema ċentrali tal-Eurodac sabiex tipprovi l-possibilità li jitwettqu paraguni għat-tliet kategoriji ta' *data* u għall-ħżin tal-kategoriji tad-*data*. Il-funzjonalitajiet l-oħra bħall-ħżin ta' *data* bijografika flimkien ma' immaġni tal-wiċċ meħuda mill-ġenb se jeħtieġu aktar emendi fis-Sistema Ċentrali

Il-kost stmat ta' EUR 29,872 miljun jinkludi kostijiet għal titjib tekniku u kapaċità akbar ta' ħżin u fluss fis-Sistema Ċentrali. Dan jikkonsisti wkoll f'servizzi relatati mal-IT, software u hardware u jkopri l-aġġornament u l-adattament sabiex jiġu permessi riċerki għal kull kategorija ta' *data,* kemm għall-finijiet ta' ażil kif ukoll tal-migrazzjoni irregolari. Dan jirrifletti wkoll il-kostijiet tal-persunal addizzjonali meħtieġa minn eu-LISA.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża ma' din il-proposta tirrifletti dawn l-elementi. Tirrifletti wkoll il-kostijiet relatati mal-bidliet introdotti mill-koleġiżlaturi (il-ħolqien ta' żewġ kategoriji ġodda jiġifieri persuni rreġistrati għall-fini tat-twettiq ta' proċedura ta' ammissjoni u persuni risistemati skont skema nazzjonali ta' risistemazzjoni, il-ħżin ta' kopji bil-kulur ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar u l-possibbiltà li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jfittxu fil-Eurodac bl-użu ta' *data* alfanumerika) kif ukoll l-istudju dwar ir-rikonoxximent tal-wiċċ previst mill-proposta riformulata tal-2016 (EUR 7 miljun).

L-emendi relatati mal-interoperabbiltà introdotti minn din il-proposta emendata huma koperti mid-dikjarazzjoni finanzjarja tal-qafas tal-interoperabbiltà (EUR 15-il miljun).

## 5. ELEMENTI OĦRA

### • Arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar

It-test tal-proposta tal-2016 kif miftiehem proviżorjament mill-koleġiżlaturi jipprevedi, fl-Artikolu 42 tiegħu, tliet tipi ta' obbligi ta' rappurtar kif ġej:

– Darba fis-sena, l-eu-LISA għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-EDPS rapport dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali (fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri);

– Seba' snin wara l-adozzjoni u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tipproduċi evalwazzjoni ġenerali tal-Eurodac, li teżamina r-riżultati miksuba permezz ta' miri u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali (fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-eu-LISA, l-Istati Membri u l-Europol);

– Kull sentejn, kull Stat Membru u l-Europol għandhom iħejju rapporti dwar l-effettività tat-tqabbil *tad-data* bijometrika *mad-data* tal-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tiġbor dawn ir-rapporti f'rapport dwar l-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-Eurodac li se jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-KEPD. Dan ir-rapport huwa differenti għar-rapport deskritt fil-punt preċedenti.

Ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali li se jkollha tħejji eu-LISA, se jinkludi informazzjoni dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-Eurodac skont indikaturi kwantitattivi ddefiniti minn qabel (pereż. l-għadd totali ta' settijiet ta' *data* u għal kull kategorija, l-għadd ta' hits, il-mod kif l-Istati Membri jimplimentaw l-iskadenzi għat-trażmissjoni *tad-data* bijometrika lill-Eurodac, inkluż id-dewmien eċċ).

Ir-rapport li jinkludi fih l-evalwazzjoni ġenerali tal-Eurodac, li se jkollu jitħejja mill-Kummissjoni, se jimmonitorja r-riżultati miksuba meta mqabbla mal-objettivi stabbiliti mir-regolament u se jkejjel l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-protezzjoni tad-*data* u d-drittijiet tal-privatezza, inkluż jekk l-aċċess għall-infurzar tal-liġi wassalx għal diskriminazzjoni indiretta kontra persuni koperti mir-Regolament Eurodac.

Ir-rapporti dwar l-effettività tat-tqabbil tad-*data* bijometrika mad-*data* tal-Eurodac imħejjija mill-Europol u minn kull Stat Membru se jivvalutaw, fost l-oħrajn, l-iskop eżatt tat-tqabbil, ir-raġunijiet mogħtija għal suspett raġonevoli, l-għadd u t-tip ta' każijiet li spiċċaw b'identifikazzjoni b'suċċess.

### • Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Din il-proposta emendata jeħtieġ li tiġi kkunsidrata fil-kuntest tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-2016 għal riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac u

għandha titqies bħala li tikkumplimenta dawk id-diskussjonijiet. Dawn in-negozjati wasslu għal ftehim proviżorju bejn il-koleġiżlaturi, li l-Kummissjoni tappoġġa u tqis li dan itejjeb b'mod sinifikanti l-funzjonament tal-Eurodac.

Għal referenza faċli, it-test innegozjat mill-koleġiżlaturi inklużi f'din il-proposta, meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni tal-2016, huwa mmarkat b'tipa grassa. L-emendi mmirati l-ġodda huma mmarkati b'tipa grassa sottolinjata.

1. L-għadd tal-applikanti, apparti l-għadd ta' applikazzjonijiet

Diskussjonijiet riċenti f'diversi fora (korpi preparatorji tal-Kunsill, Gruppi Konsultattivi) u kontributi għall-Patt il-ġdid li ġejjin mill-Istati Membri matul il-konsultazzjoni indikaw b'mod ċar sett ta' lakuni fil-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni fil-livell tal-UE fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni. Dan isir partikolarment rilevanti meta jiġu analizzati movimenti mhux awtorizzati f'dan il-qasam: bħalissa ma hemm l-ebda possibbiltà li wieħed ikun jaf kemm hemm applikanti fl-UE minħabba li n-numri jirreferu għall-applikazzjonijiet u għalhekk diversi applikazzjonijiet jistgħu jappartjenu għall-istess persuna. Meta wieħed iqis dan, jeħtieġ li s-sistema Eurodac tiġi ttrasformata minn bażi *tad-data* li tgħodd l-applikazzjonijiet għal bażi tad-*data* li tgħodd l-applikanti. Dan jista' jsir billi s-settijiet kollha ta' *data* fil-Eurodac li jappartjenu għal persuna waħda, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, jiġu konnessi f'sekwenza waħda, li tippermetti li jingħaddu l-persuni. Barra minn hekk, dispożizzjoni speċifika tippermetti lill-eu-LISA tipproduċi statistika dwar l-għadd ta' applikanti għall-ażil u l-applikanti għall-ewwel darba, li tipprovdi stampa preċiża ta' kemm ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi jitolbu ażil fl-UE. L-aggregazzjoni ta' din *id-data* ma' tip ieħor ta' *data* bħal dik dwar it-trasferimenti skont ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni, se tipprovdi l-input xieraq għat-tip it-tajjeb ta' rispons ta' politika fir-rigward ta' movimenti mhux awtorizzati.

2. Statistika bejn sistema u oħra

Dispożizzjoni ġdida li tibni fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà[21] (l-Artikolu 39), se tippermetti lill-eu-LISA tfassal statistiki bejn sistema u oħra bl-użu ta' *data* mill-Eurodac, is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (Entry/Exit System, EES), l-ETIAS u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (Entry/Exit System, VIS). Għan wieħed ikun li wieħed ikun jaf, pereżempju, kemm miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi nħarġilhom viża għal soġġorn qasir minn Stat Membru partikolari jew f'pajjiż terz partikolari, ipproċedew biex jidħlu legalment (u fejn) u mbagħad ipproċedew biex japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali (u fejn). Dan joffri l-informazzjoni ta' sfond meħtieġa għall-valutazzjoni ta' dawn il-fenomeni u għar-rispons politiku xieraq. Id-dispożizzjoni tipprevedi wkoll li minbarra l-Kummissjoni u l-Istati Membri, l-Aġenzija futura tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u l-Frontex ikollhom ukoll aċċess għal tali statistika billi ż-żewġ aġenziji, fil-qafas tal-mandat rispettiv tagħhom, jipproduċu analiżi siewja fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

3. Il-ħolqien ta' kategorija ġdida għal persuni żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ (search and rescue, SAR)

[21] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27) u r-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p.85).

Il-proposta l-ġdida għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni tipprovdi kriterju ta' responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata wara l-iżbark tal-persuna kkonċernata wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ (skont ir-regoli attwali dawn il-persuni huma koperti mill-kriterju tad-dħul irregolari). Dan jiġi rifless aħjar fl-acquis tal-ażil l-obbligi li joħorġu mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ Marittimi[22]. Filwaqt li r-regoli ta' responsabbiltà għal din il-kategorija l-ġdida huma l-istess bħar-regoli għal persuni li jidħlu b'mod irregolari, id-distinzjoni hija rilevanti fir-rigward tal-fatt li l-Istati Membri tal-iżbark jiffaċċjaw sfidi speċifiċi billi ma jistgħux japplikaw għall-iżbarki tas-SAR l-istess għodod bħal dawk għal qsim irregolari bl-art jew bl-ajru. Pereżempju, ma hemm l-ebda verifiki uffiċjali fil-fruntiera għall-wasliet tas-SAR, li mhux biss ifisser li huwa aktar diffiċli li jiġu definiti l-punti tad-dħul, iżda wkoll li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jkollhom l-ebda punt fejn ifittxu uffiċjalment id-dħul. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm kategorija separata għal dawn il-persuni fil-Eurodac minflok ma jiġu rreġistrati bħala persuni li jaqsmu l-fruntiera b'mod irregolari (kif inhu l-każ bħalissa). Barra minn hekk, dan se jwassal ukoll għal stampa aktar preċiża tal-kompożizzjoni tal-flussi migratorji fl-UE.

4. L-iżgurar ta' konsistenza sħiħa mal-proposta għal Regolament dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni

Minbarra l-ħolqien tal-kategorija l-ġdida għal persuni żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, din il-proposta emendata żżid ukoll sett ta' dispożizzjonijiet li jirriflettu l-aspetti rilevanti kollha rigward ir-responsabbiltà ta' Stat Membru (id-diversi kriterji biex jiġu stabbiliti r-responsabbiltà, iċ-ċaqliq tar-responsabbiltà u l-waqfien tar-responsabbiltà). Dawn id-dispożizzjonijiet jiżdiedu ma' dawk li diġà kienu inklużi fil-proposta oriġinali tal-2016. Fl-aħħar nett, din il-proposta emendata fiha dispożizzjonijiet dwar ir-rilokazzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, u b'hekk tirrifletti bis-sħiħ id-diversi xenarji li jinsabu fil-proposta għal Regolament dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni.

5. L-iżgurar tal-konsistenza mal-iskrinjar

Għadd limitat ta' bidliet kienu meħtieġa biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-proposta għal Regolament dwar l-Iskrinjar. F'dan is-sens, jeħtieġ li l-mument minn meta jibda jiffunzjona l-limitu ta' żmien għat-teħid u t-trażmissjoni ta' *data* bijometrika għall-applikanti jiġi adattat biex ikopri d-diversi xenarji possibbli previsti minn dik il-proposta sabiex jiġi żgurat fluss bla xkiel tal-proċedura tal-ażil.

6. Indikazzjoni tal-applikazzjonijiet irrifjutati

Jinħoloq qasam ġdid fejn l-Istati Membri jindikaw meta applikazzjoni tkun ġiet irrifjutata u l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' u ma jkunx tħalla jibqa' skont ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil. Dan ma jbiddel xejn f'termini ta' regoli applikabbli u drittijiet tal-individwu, iżda jsaħħaħ ir-rabta mal-proċeduri ta' ritorn u jipprovdi appoġġ addizzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali li jittrattaw applikant għall-protezzjoni internazzjonali li l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet irrifjutata fi Stat Membru ieħor billi jippermettilhom jagħżlu t-tip adegwat ta' proċedura applikabbli (pereż. applikazzjoni sussegwenti) u b'hekk il-proċess kollu jiġi ssimplifikat.

7. Indikazzjoni dwar jekk ingħatawx ir-ritorn volontarju u l-assistenza għar-riintegrazzjoni

[22] Adottata f'Hamburg, il-Ġermanja fis-27 ta' April 1979.

Se jinħoloq qasam ġdid biex jindika jekk qatt ingħatawx ir-ritorn volontarju u l-assistenza għar-riintegrazzjoni (AVRR). Dan huwa meħtieġ billi jtejjeb il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tal-Istati Membri f'dan il-qasam u jipprevjeni l-abbuż tal-AVRR ("AVRR shopping").

8. Indikazzjoni jekk wara l-iskrinjar, ikunx jidher li l-persuna tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà interna

Jinħoloq qasam ġdid biex jimmarka jekk wara l-iskrinjar, ikunx jidher li l-persuna tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà interna. Dan huwa meħtieġ billi jiffaċilita l-implimentazzjoni tar-rilokazzjoni minħabba li tali persuni jkunu esklużi mir-rilokazzjoni f'konformità mar-regoli fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni. Barra minn hekk, dan iħaffef l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. F'dan is-sens, għall-applikanti li fil-każ tagħhom ġiet indikata problema ta' sigurtà u mmarkata fil-Eurodac, il-valutazzjoni tal-applikazzjoni tista' tiffoka l-ewwel fuq jekk din hijiex serja biżżejjed biex tammonta għal raġuni ta' esklużjoni/rifjut.

9. Indikazzjoni dwar jekk inħarġitx viża

Tinħoloq kaxxa biex tindika l-Istat Membru li jkun ħareġ jew estenda viża lill-applikant jew li f'ismu tkun inħarġet il-viża u n-numru tal-applikazzjoni għall-viża. Dan huwa meħtieġ billi jiffaċilita l-applikazzjoni tal-kriterji ta' responsabbiltà għal dawk l-Istati Membri jew Pajjiżi Assoċjati li mhumiex marbuta bir-Regolament VIS[23] iżda li madankollu huma affettwati mill-ħruġ ta' viża.

10. Emendi konsegwenzjali tal-interoperabbiltà u emendi relatati mar-Regolament dwar l-Interoperabbiltà, ir-Regolamenti ETIAS[24] u VIS

Huwa meħtieġ li jiġi introdott sett ta' emendi tekniċi konsegwenzjali li jirriżultaw mir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà (pereż. d-definizzjoni ta' repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità u ta' "*data* tal-identità" u r-referenzi għalihom jew kjarifiki dwar il-mod kif *id-data* maħżuna se tinqasam bejn ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità u s-Sistema Ċentrali). Il-ħtieġa li jiġu introdotti dawn il-bidliet fir-Regolament Eurodac diġà ġiet iddikjarata meta ġew ippreżentati ż-żewġ proposti għar-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà. Dawn l-emendi se jiżguraw il-bażi ġuridika xierqa għall-funzjonament tal-Eurodac fil-qafas il-ġdid tal-interoperabbiltà. Bl-istess mod, huwa meħtieġ li jiġu introdotti emendi għar-Regolament dwar l-Interoperabilità sabiex jiġu inklużi d-diversi referenzi rilevanti għall-Eurodac. Fl-aħħar nett, huwa meħtieġ ukoll li jiġi introdott sett ta' emendi konsegwenzjali li jirriżultaw mir-Regolament ETIAS u mir-Regolament VIS li jirregolaw l-aċċess għall-Eurodac tal-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS u tal-awtoritajiet kompetenti tal-viża rispettivament, billi l-kwistjoni tad-drittijiet ta' aċċess għad-diversi bażijiet *tad-data* tibqa' aspett li għandu jiġi indirizzat fl-att leġiżlattiv li jirregola l-bażijiet *tad-data* rispettivi.

---

[23] Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS), ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60–81.

[24] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1–71.

2016/0132 (COD)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' *data* bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni*], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)**(d)**, (e) **u (g)**, 79(2)(c), 87(2)(c) u 88(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) il-premessi li ġejjin jiddaħħlu wara l-premessa 4:

**"(4A) Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] u skont ir-regoli tiegħu, huwa meħtieġ li fil-Eurodac jiġi indikat b'mod ċar il-fatt li kien hemm ċaqliq tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, inkluż f'każijiet ta' rilokazzjoni. Barra minn hekk, sabiex l-obbligi li l-Istati Membri jridu jwettqu operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ jiġu riflessi b'mod preċiż, u biex dawn l-Istati Membri jiġu megħjuna fl-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw billi huma ma jistgħux japplikaw l-istess għodod għal persuni żbarkati wara tali operazzjonijiet bħal dawk għal qsim irregolari bl-art jew bl-ajru, huwa meħtieġ ukoll li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi żbarkati wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ jiġu rreġistrati bħala kategorija separata fil-Eurodac.**

**(4B) Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] huwa meħtieġ li jiġi indikat jekk, wara kontrolli ta' sigurtà matul l-iskrinjar, jidhirx li persuna tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà interna.";**

(2) il-premessi li ġejjin jiddaħħlu wara l-premessa 5:

**"(5A) Huwa meħtieġ ukoll li jiġu introdotti dispożizzjonijiet li jiżguraw il-funzjonament ta' dik is-sistema fil-qafas tal-interoperabbiltà stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817[25] u 2019/818[26] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta'

**(5b) Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet li jistgħu jinkwadraw l-aċċess tal-unitajiet nazzjonali tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u tal-awtoritajiet kompetenti tal-viża għall-Eurodac skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1240[27] u (KE) 767/2008[28] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

**(5c) Bl-istess mod, għall-fini tal-ġestjoni tal-migrazzjoni irregolari, huwa meħtieġ li eu-LISA titħalla tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra bl-użu ta' *data* mill-Eurodac, tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, tal-ETIAS u tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";**

(3) il-premessa 6 hija sostitwita b'dan li ġej:

"(6) Għal **dawn l-għanijiet**, hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema magħrufa bħala "Eurodac", li tikkonsisti f'Sistema Ċentrali **u mir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/818**, li għandhom iħaddmu bażi ta' *data* ċentrali kompjuterizzata ta' *data* bijometrika ~~tal-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ~~, kif ukoll f'mezzi elettroniċi ta' trażmissjoni **bejn dawn [is-Sistema Ċentrali u r-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità]** u l-Istati Membri, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni".';

(4) il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa 11:

**"(11a) Għal dan il-għan, jeħtieġ ukoll li fil-Eurodac jiġi mmarkat b'mod ċar il-fatt li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ġiet miċħuda jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna apolida ma jkollha l-ebda dritt li tibqa' u ma tħallietx tibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*].";**

(5) il-premessa 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

**"(14) Barra minn hekk, sabiex il-Eurodac tgħin b'mod effettiv fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-UE, jeħtieġ li s-sistema tkun tista' tgħodd l-applikanti flimkien mal-applikazzjonijiet billi torbot is-settijiet kollha ta' *data* li jikkorrispondu ma' persuna waħda, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, f'sekwenza waħda.";**

(6) il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa 24:

---

fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-84.

[26] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85–135.

[27] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1–71.

[28] Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS), ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60–81.

**"(24a) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huwa mfakkar li persuna jenħtieġ li titqies li qed toqgħod illegalment fit-territorju tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni jekk dik il-persuna ma tapplikax għal protezzjoni internazzjonali wara r-rilokazzjoni jew b'xi mod ieħor ma tissodisfax jew ma għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħra għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni.";**

(7) il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa 60:

**"(60a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29].";**

(8) il-premessa 63 titħassar.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

(9) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*Artikolu 1*

**L-għan tal-"Eurodac"**

1. Sistema magħrufa bħala l-"Eurodac" hija b'dan stabbilita, li l-għan tagħha għandu jkun li:

(a) tgħin biex ikun iddeterminat liema Stat Membru għandu jkun responsabbli skont ir-Regolament (EU) ~~Nru~~ **XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*]** għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ~~depożitata~~ **rreġistrata** fi Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, u b'mod ġenerali sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) ~~Nru~~ **XXX/XXX [*Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*]** skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(b) tgħin fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni*] skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(c) tgħin fil-kontroll tal-immigrazzjoni ~~illegali~~ **irregolari lejn l-Unjoni** u **fid-detezzjoni ta'** movimenti sekondarji fl-Unjoni u fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi **u persuni apolidi** b'soġġorn illegali għad-determinazzjoni ta' miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri~~, inkluża t-tneħħija u r-ripatriazzjoni ta' persuni residenti mingħajr awtorizzazzjoni~~;

(d) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) jistgħu jitolbu t-tqabbil tad-*data* ~~dwar il-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ~~ **bijometrika jew alfanumerika** ma' dik maħżuna fis-Sistema Ċentrali għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra;

(e) tgħin fl-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fil-Eurodac skont il-kundizzjonijiet u għall-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE)

29 Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li tħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

2019/818 billi taħżen *data* tal-identità, *data* tad-dokument tal-ivvjaġġar u *data* bijometrika fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) stabbilit minn dan ir-Regolament;

(f) tappoġġa l-objettivi tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation System, "ETIAS") stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1240;

(g) tappoġġa l-objettivi tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (Visa Information System, VIS) imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 767/2008.

2. Mingħajr preġudizzju għall-ipproċessar ta' *data* maħsuba għall-Eurodac mill-Istat Membru ta' oriġini f'bażijiet ta' *data* stabbiliti skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru, *id-data* dwar marki tas-swaba' u *data* personali oħra jistgħu jkunu pproċessati fil-Eurodac biss għall-iskopijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, ~~u~~ fir-Regolament (UE) ~~Nru~~ **XXX/XXX [*Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]* u fir-Regolament (UE) XXX/XXX [*Regolament dwar ir-Risistemazzjoni*]** ~~[l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013]~~.';

(10) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (b) tal-paragrafu 1, jiżdied il-punt (iv) li ġej:

**"(iv) f'dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu 14a(1), l-Istat Membru li jittrażmetti *d-data* personali lis-Sistema Ċentrali u lir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità u li jirċievi r-riżultati tat-tqabbil;";**

(b) fil-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti (p), (q) u (r) li ġejjin:

**"(p) "CIR" tfisser repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità kif definit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/818;**

**(q) "*data* tal-identità" tfisser *id-data* msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (f) u (h), l-Artikolu 13(2) minn (c) sa (f) u (h), l-Artikolu 14(2) minn (c) sa (f) u (h) u l-Artikolu 14a minn (c) sa (f) u (h);**

**(r) "sett ta' *data*" tfisser is-sett ta' informazzjoni rreġistrat fil-Eurodac fuq il-bażi tal-Artikoli 12, 13, 14 jew 14a, li jikkorrispondi għal sett wieħed ta' marki tas-swaba' ta' suġġett tad-*data* u magħmul minn *data* bijometrika, *data* alfanumerika u, fejn disponibbli, kopja bil-kulur skennjata ta' dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar.";**

(11) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 4*

**L-arkitettura u l-prinċipji bażiċi tas-Sistema**

1. Il-Eurodac għandha tikkonsisti f':

(a) Sistema Ċentrali magħmula minn:

(i) Unità Ċentrali,

(ii) Sistema u Pjan tal-Kontinwità tan-Negozju;

(b) infrastruttura ta’ komunikazzjoni bejn is-Sistema Ċentrali u l-Istati Membri li tipprovdi kanal tal-komunikazzjoni sikur u kriptat *għad-data* tal-Eurodac (“Infrastruttura tal-Komunikazzjoni”).

**(c) repożitorju komuni ta’ informazzjoni dwar l-identità (CIR) kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2019/818;**

**(d) infrastruttura sikura tal-komunikazzjoni bejn is-Sistema Ċentrali u l-infrastrutturi ċentrali tal-portal Ewropew tat-tfittxija, tas-servizz kondiviż ta’ tqabbil bijometriku, tas-CIR u tad-detettur ta’ identitajiet multipli stabbiliti bir-Regolament 2019/818.**

**2. Is-CIR għandu jkun fih *id-data* msemmija fl-Artikolu 12, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), fl-Artikolu 13(2) minn (a) sa (f), (h), u (i), fl-Artikolu 14(2) minn (a) sa (f), (h) u (i) u fl-Artikolu 14a minn (a) sa (f), (h) u (i). Il-kumplament *tad-data* tal-Eurodac għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali.**

~~2~~3. L-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni tal-Eurodac se tkun qed tuża n-network eżistenti “Servizzi Trans-Ewropej Sikuri tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet” (TESTA). ~~Network virtwali privat separat dedikat għall-EURODAC għandu jkun stabbilit fuq in-network virtwali privat TESTA biex tkun żgurata s-separazzjoni loġika tad-*data* tal-Eurodac minn *data* oħra~~. **Sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità, *id-data* personali trażmessa lill-Eurodac jew minnha għandha tkun kriptata.**

~~3~~4. Kull Stat Membru għandu jkollu Punt ta’ Aċċess Nazzjonali wieħed. **Europol għandu jkollu punt ta’ aċċess tal-Europol wieħed.**

~~4~~5. Id-*data* dwar persuni koperti bl-Artikoli 10(1), 13(1), 14(1) **u 14a(1)** li tiġi pproċessata fis-Sistema Ċentrali għandha tiġi pproċessata f’isem l-Istat Membru ta’ oriġini skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f’dan ir-Regolament u separata b’mezzi tekniċi xierqa.

**6. Is-settijiet kollha ta’ *data* rreġistrati fil-Eurodac li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida għandhom ikunu marbuta f’sekwenza. Meta titnieda tfittxija bil-marki tas-swaba’ fis-sett *tad-data* ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz jew ta’ persuna apolida u tinkiseb hit meta dawn jiġu mqabbla ma’ mill-inqas sett ieħor ta’ marki tas-swaba’ f’sett ieħor ta’ *data* li jikkorrispondi mal-istess ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida, il-Eurodac għandha awtomatikament torbot flimkien dawk is-settijiet *tad-data* fuq il-bażi tat-tqabbil tal-marki tas-swaba’. Jekk ikun meħtieġ, it-tqabbil tal-marki tas-swaba’ għandu jiġi ċċekkjat u kkonfermat minn espert tal-marki tas-swaba’ f’konformità mal-Artikolu 26. Meta l-Istat Membru riċeventi jikkonferma l-hit, huwa għandu jibgħat notifika lill-eu-LISA, li tikkonferma l-konnessjoni.**

~~5~~7. Ir-regoli li jirregolaw il-Eurodac għandhom japplikaw ukoll għal operazzjonijiet magħmula mill-Istati Membri mit-trażmissjoni *tad-data* lejn is-Sistema Ċentrali sakemm isir użu mir-riżultati tat-tqabbil.”;

(12) jiddaħħlu l-Artikoli 8a, 8b, 8c u 8d li ġejjin:

*“Artikolu 8 a*

**Interoperabbiltà mal-ETIAS**

**1. Minn [id-data tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament], is-Sistema Ċentrali tal-Eurodac għandha tiġi konnessa mal-portal Ewropew tat-tfittxija msemmi fl-Artikolu 6**

**tar-Regolament (UE) 2019/818 biex jiġi permess l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240.**

**2. L-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jippermetti l-verifiki previsti fl-Artikolu 20 u l-verifiki sussegwenti tal-Artikoli 22 u 26 ta' dak ir-Regolament.**

**Għall-fini tat-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 20(2)(k) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża l-portal Ewropew tat-tfittxija biex tqabbel *data* fl-ETIAS ma' *data* fil-Eurodac miġbura fuq il-bażi tal-Artikoli 12, 13, 14 u 14a ta' dan ir-Regolament li tikkorrispondi għal individwi li jkunu telqu jew tneħħew mit-territorju ta' Stati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija u bl-użu tal-korrispondenzi elenkati fit-tabella fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.**

**Il-verifiki għandhom ikunu mingħajr ħsara għar-regoli speċifiċi previsti fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1240.**

*Artikolu 8b*

**Kundizzjonijiet tal-aċċess għall-Eurodac għall-ipproċessar manwali mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS**

**1. Il-konsultazzjoni tal-Eurodac mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandha ssir permezz tal-istess *data* alfanumerika bħal dik użata għall-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 8a.**

**2. Għall-finijiet tal-Artikolu 1(1)(f), l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandu jkollhom aċċess għall-Eurodac u għandhom ikunu jistgħu jikkonsultawh, f'format li jinqara biss, għall-fini li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar. B'mod partikolari, l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw *id-data* msemmija fl-Artikoli minn 12, 13, 14 u 14a.**

**3. Wara konsultazzjoni u aċċess skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu r-riżultat tal-valutazzjoni għandu jiġui rreġistrat biss fil-fajls ta' applikazzjoni tal-ETIAS.**

*Artikolu 8c*

**Aċċess għall-Eurodac mill-awtoritajiet kompetenti tal-viża**

**Għall-fini ta' verifika manwali tal-hits skattati mit-tfittxijiet awtomatizzati mwettqa mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża skont l-Artikoli [9a u 9c] tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-eżami u d-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal viża skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30], l-awtoritajiet kompetenti tal-viża għandu jkollhom aċċess għall-Eurodac biex jikkonsultaw *id-data* f'format li jinqara biss.**

*Artikolu 8d*

**Interoperabbiltà mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża**

[30] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1–58.

**Minn [id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jemenda r-Regolament dwar il-VIS], kif previst fl-Artikolu [9] ta' dak ir-Regolament, il-Eurodac għandha tkun konnessa mal-portal Ewropew tat-tfittxija msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/817 sabiex jiġi ffaċilitat il-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu [9a] tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 għat-tfittxija fil-Eurodac u *d-data* rilevanti fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża tkun tista' titqabbel *mad-data* rilevanti fil-Eurodac. Il-verifiki għandhom ikunu mingħajr ħsara għar-regoli speċifiċi previsti fl-Artikolu 9(b) tar-Regolament 767/2008.";**

(13) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 9*

**Statistika**

1. Kull xahar, eu-LISA għandha tħejji statistika dwar ix-xogħol tas-Sistema Ċentrali, li tindika b'mod partikolari:

**(a)** **l-għadd ta' applikanti u l-għadd ta' applikanti għall-ewwel darba li jirriżultaw mill-proċess ta' konnessjoni msemmi fl-Artikolu 4(6);**

**(b)** **l-għadd ta' applikazzjonijiet irrifjutati li jirriżultaw mill-proċess ta' konnessjoni msemmi fl-Artikolu 4(6) u skont l-Artikolu 12 (za);**

(~~a~~**c**) l-għadd ta' settijiet ta' *data* trażmessi dwar persuni msemmija fl-Artikoli 10(1), 13(1)**,** ~~u~~ 14(1) **u 14a(1);**

(~~b~~**d**) l-għadd ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 10(1):

- **(i)** **li għalihom ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali** ~~li kienu sussegwentement issottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali~~ fi Stat Membru ieħor,
- **(ii)** li nqabdu b'konnessjoni mal-qsim irregolari ta' fruntiera esterna, ~~u~~
- **(iii)** li ~~nstabu li~~ kienu qed joqogħdu illegalment fi Stat Membru,
- **(iv)** **li ġew żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ**;

(~~c~~**e**) l-għadd ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 13(1):

- **(i)** **li għalihom ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali** ~~li kienu sussegwentement issottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali~~,
- **(ii)** li nqabdu b'konnessjoni mal-qsim irregolari ta' fruntiera esterna, ~~u~~
- **(iii)** li ~~nstabu li~~ kienu qed joqogħdu illegalment fi Stat Membru;
- **(iv)** **li ġew żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ;**

(~~d~~**f**) l-għadd ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 14(1):

- **(i)** **li għalihom ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali** ~~li kienu sussegwentement issottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali~~ fi Stat Membru ieħor,
- **(ii)** li nqabdu b'konnessjoni mal-qsim irregolari ta' fruntiera esterna, ~~u~~
- **(iii)** li ~~nstabu li~~ kienu qed joqogħdu illegalment fi Stat Membru,
- **(iv)** **li ġew żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ;**

**(g) l-għadd ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 14a(1):**

**(i) li għalihom ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali**

**(ii) li nqabdu b'konnessjoni mal-qsim irregolari ta' fruntiera esterna,**

**(iii) li kienu qed joqogħdu illegalment fi Stat Membru,**

**(iv) li ġew żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ;**

(~~e~~**h**) l-ammont ta' *data* **bijometrika** ~~dwar marki tas-swaba'~~ li s-Sistema Ċentrali kellha titlob iktar minn darba mill-Istati Membri ta' oriġini minħabba li d-*data* **bijometrika** ~~dwar marki tas-swaba'~~ trażmessa oriġinarjament ma setgħetx twassal għal tqabbil bl-użu tas-sistem**i** kompjuterizzat**i** ta' għarfien tal-marki tas-swaba' u l-immaġni tal-wiċċ;

(~~f~~**i**) l-għadd ta' settijiet ta' *data* mmarkati **u** mhux immarkati ~~,imblukkati u mhux imblukkati~~ skont l-Artikolu 19(1)**,** ~~u 17~~ (2), (3) u (4);

(~~g~~**j**) l-għadd ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 19(1) u (4) li għalihom ġew irreġistrati hits skont il-punti ~~(b), (c)~~ ~~and~~ (d) **sa (g)** ta' dan l-Artikolu;

(~~h~~**k**) l-għadd ta' talbiet u hits imsemmija fl-Artikolu 21(1);

(~~i~~**l**) l-għadd ta' talbiet u hits imsemmija fl-Artikolu 22(1);

(~~j~~**m**) l-għadd ta' talbiet magħmula għall-persuni msemmija fl-Artikolu 31;

(~~k~~**n**) l-għadd ta' hits li jaslu mis-Sistema Ċentrali kif imsemmi fl-Artikolu 26(6).

2. *Id-data* statistika ta' kull xahar għall-persuni msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa ~~(h)~~ **(n)** għandha tkun ippubblikata kull xahar. Fi tmiem kull sena, *id-data* statistika annwali għall-persuni msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa ~~(h)~~ **(n)** għandha tiġi ppubblikata mill-eu-LISA. ***Id-data* statistika** għandha ~~jkollha analiżi dettaljata tad-data għal kull Stat Membru~~ **tinqasam skont l-Istat Membru. Id-*data* statistika għall-persuni msemmija fil-paragrafu 1 (c) għandha, fejn possibbli, tinqasam skont is-sena tat-twelid u s-sess.**

**3. Għall-fini li tappoġġa l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 1(c), l-eu-LISA għandha tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra kull xahar. Din l-istatistika ma għandhiex tippermetti l-identifikazzjoni ta' individwi u se tuża *data* mill-Eurodac, mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, mill-ETIAS u mis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ.**

**Din l-istatistika għandha tkun disponibbli għall-Kummissjoni, għall-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u għall-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika l-kontenut tal-istatistiki bejn sistema u oħra ta' kull xahar. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41a(2).**

~~3~~4. Jekk tintalab mill-Kummissjoni, eu-LISA għandha tipprovdilha l-istatistika dwar aspetti speċifiċi ~~għall-finijiet ta' riċerka u analiżi mingħajr ma tippermetti għall-identifikazzjoni individwali kif ukoll għall-possibbiltà li tipproduċi statistika skont il-paragrafu 1. Dawn l-istatistiki għandhom jiġu kondiviżi ma' Aġenziji oħra tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni jekk ikunu rilevanti għall-implimentazzjoi tal-ħidmiet tagħhom~~ **relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-istatistika skont il-paragrafu 1 u għandha, b'talba, tagħmilhom disponibbli għal Stat Membru u għall-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil].**

**5. L-eu-LISA għandha taħżen *id-data* msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, b'mod li ma jippermettix l-identifikazzjoni ta' individwi, għall-finijiet ta' riċerka u ta' analiżi, u li b'hekk jippermetti lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jiksbu rapporti u statistika personalizzabbli fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika msemmi fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2019/818.**

**6. L-aċċess għar-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika msemmi fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 2019/818 għandu jingħata lil eu-LISA, lill-Kummissjoni, lill-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] u lill-awtoritajiet maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 28(2). Jista' jingħata wkoll aċċess lil utenti awtorizzati ta' Aġenziji oħra tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni jekk tali aċċess ikun rilevanti għall-implimentazzjoni tal-kompiti tagħhom.**";

(14) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 10*

**Ġbir u trażmissjoni ta' *data* bijometrika**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu ~~fil-pront~~ ~~il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha u jieħu ritratt tax-xbiha tal-wiċċ~~ ***d-data* bijometrika** ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas sitt snin **waqt l-iskrinjar kif imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [*Regolament dwar l-Iskrinjar*] jew, meta d-*data* bijometrika ma setgħetx tittieħed waqt l-iskrinjar jew meta l-applikant ma kienx soġġett għal skrinjar, mar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [*Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*]** u għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa **wara t-teħid *tad-data* bijometrika** ~~awara li tiġi ddepożitata l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali, kif iddefinit mill-Artikolu [21(2)] tar-Regolament (UE) Nru~~ , jittrażmettihom flimkien *mad-data* msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (p) ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali **u lis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 4(2).**.

**Meta l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar l-Iskrinjar*] ikun japplika u l-persuna tapplika għal protezzjoni internazzjonali waqt l-iskrinjar, fil-każ ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali ta' mill-inqas sitt snin, kull Stat Membru għandu juża *d-data* bijometrika meħuda waqt l-iskrinjar u jittrażmettiha flimkien *mad-data* msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (p) ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 4(2), mhux aktar tard minn 72 siegħa mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/ XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*].**

In-nuqqas ta' konfromità mal-limitu tal-ħin ta' 72 siegħa ma għandux jeżonera lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jittrażmettu ~~fl-marki tas-swaba'~~ ***d-data* bijometrika** lis-~~Sistema Ċentrali~~**CIR.** Meta l-kundizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' fi kwalità li tiżgura tqabbil xieraq taħt l-Artikolu 26, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jerġa' jieħdu l-marki tas-swaba' tal-applikant u jibgħathom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu reġgħu ttieħdu b'suċċess.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta mhux possibbli li wieħed jieħu ***d-data* bijometrika** ~~jittieħdu l-marki tas-swaba u tax-xbiha tal-wiċċ~~ ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali, minħabba miżuri li ttieħdu sabiex tiġi żgurata s-saħħa tal-applikant jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri għandhom jieħdu u jibgħatu ~~dawn il-marki tas-swaba' u x-~~

~~xbiha tal-wiċċ~~ **din** ***id-data*** **bijometrika** mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawn ir-raġunijiet ta' saħħa ma jibqgħux validi.

Fil-każ ta' problemi tekniċi serji, l-Istati Membri jistgħu jestendu ż-żmien ta' skadenza ta' 72 siegħa fil-paragrafu 1 b'massimu ta' 48 siegħa oħra sabiex iwettqu l-pjanijiet ta' kontinwità nazzjonali tagħhom.

3. Jekk ikun rikjest mill-Istat Membru kkonċernat, *id-data* **bijometrika** ~~tal-marki tas-swaba'~~ tista' tittieħed u tiġi trażmessa **f'isem dak l-Istat Membru** mill-membri tat-Timijiet tal-Gwardjani tal-Fruntiera Ewropej [u tal-Kosta] jew minn esperti ~~dwar l-ażil tal-Istati Membri~~ **tat-timijiet tal-appoġġ fil-qasam tal-ażil** meta jwettqu l-ħidmiet tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat skont ir-Regolament ~~[ir-Regolament dwar il-Gwardjani tal-Fruntiera Ewropej [u tal-Kosta] u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2007/2004, ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE] u r-[Regolament (EU) Nru. 439/2010]~~ **(UE) 2019/1896 u r-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil]*.**

**4. Kull sett ta' *data* miġbur u trażmess skont il-paragrafu 1 għandu jkun konness f'sekwenza ma' settijiet oħra ta' *data* li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, kif stabbilit fl-Artikolu 4(6).**";

(15) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 11*

**Informazzjoni dwar l-i*status* tas-suġġett tad-*data***

**1. Hekk kif l-Istat Membru responsabbli jkun ġie ddeterminat skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], l-Istat Membru li jwettaq il-proċeduri biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli għandu jaġġorna s-sett ta' *data* tiegħu rreġistrat skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-persuna kkonċernata billi jżid l-Istat Membru responsabbli.**

**Meta Stat Membru jsir responsabbli minħabba li jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex l-applikant jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku ta' dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], huwa għandu jaġġorna s-sett ta' *data* tiegħu rreġistrat skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-persuna kkonċernata billi jżid l-Istat Membru responsabbli.**

~~1~~**2**. L-informazzjoni li ġejja għandha tintbagħat lis-Sistema Ċentrali sabiex tiġi maħżuna f'konformità mal-Artikolu 17 (1) għall-finijiet ta' trażmissjoni skont l-Artikoli 15 u 16:

(a) meta applikant għall-protezzjoni internazzjonali jew persuna oħra kif imsemmija fl-Artikolu ~~21(1)~~**26 (1), il-punti (b), (c) jew (d)** ~~jew (e)~~tar-Regolament (UE) ~~Nru~~ **XXX/XXX [*Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*]** jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont notifika biex jittieħed lura kif imsemmi fl-Artikolu ~~26~~ **31**~~thereof~~ **ta' dan ir-Regolament**, l-Istat Membru responsabbli għandu jaġġorna s-sett *tad-data* tiegħu rreġistrat f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuni kkonċernati billi jżid id-data tal-wasla tiegħu jew tagħha;

(b) meta applikant għall-protezzjoni internazzjonali jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont deċiżjoni li tilqa' talba biex tittieħed responsabbiltà skont l-Artikolu ~~24~~ **30** tar-Regolament (UE) ~~Nru~~ **XXX/XXX [*Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*]**, l-Istat Membru responsabbli għandu jibgħat sett ta' *data*

skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuna kkonċernata u għandu jinkludi d-data tal-wasla tiegħu jew tagħha;

~~(c)~~ ~~meta applikant għall-protezzjoni internazzjonali jasal fi Stat Membru ta' allokazzjoni skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru. […/…], dan l-istat Membru għandu jibgħat sett ta' data rekordjata f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament relatata mal-persuna konċernata u għandu jinkludi d-data tal-wasla tal-persuna u jirrekordja li huwa l-Istat Membru tal-allokazzjoni~~;

(~~d~~c) hekk kif l-Istat Membru ta' oriġini jiżgura li l-persuna kkonċernata li *d-data* tagħha ġiet irreġistrata fil-Eurodac skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament ħalliet it-territorju tal-Istati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tkeċċija li kienet ħarġet wara l-irtirar jew ir-rifjut tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, dan għandu jaġġorna s-sett *tad-data* tiegħu rreġistrat f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuna kkonċernata billi jżid id-data tat-tkeċċija tagħha jew meta hija ħalliet it-territorju;

~~(e)~~ ~~l-Istat Membru li jsir responsabbli taħt l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru […/…] għandu jaġġorna s-sett tad-*data* rreġistrat f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament relatat mal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali billi jindika li huwa sar l-Istat Membru responsabbli u billi jżid id-data meta ttieħdet id-deċiżjoni li jeżamina l-applikazzjoni.~~

**3. Jekk ir-responsabbiltà tgħaddi għand Stat Membru ieħor, skont l-Artikoli 27 (1) u l-Artikolu 58(3) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], l-Istat Membru li jistabbilixxi li r-responsabbiltà nbidlet, jew l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, għandu jindika l-Istat Membru responsabbli.**

**4. Jekk japplikaw il-paragrafi 1 jew 3 ta' dan l-Artikolu jew l-Artikolu 19(6), is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar it-trażmissjoni ta' tali *data* minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit *bid-data* li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 10(1), 13(1), 14(1) jew 14a(1). Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jaġġornaw ukoll lill-Istat Membru responsabbli fis-settijiet *tad-data* korrispondenti tagħhom.";**

(16) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 12*

**Reġistrazzjoni *tad-data***

L-informazzjoni li ġejja biss għandha tiġi rreġistrata fis-Sistema Ċentrali **u fis-CIR kif xieraq**:

(a) *id-data* dwar il-marki tas-swaba';

(b) l-immaġni tal-wiċċ;

(c) il-kunjom(ijiet) u l-isem/ismijiet, l-isem/ismijet fit-twelid u l-ismijiet użati qabel u kwalunkwe psewdonimu, li jistgħu jiddaħħlu separatament;

(d) in-nazzjonalità(jiet);

(e) ~~post u~~ id-data tat-twelid;

**(f) post tat-twelid;**

(~~f~~**g**) l-Istat Membru ta' oriġini, post u data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali; fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 11**2**(b), id-data tal-applikazzjoni għandha tkun dik li tiddaħħal mill-Istat Membru li jkun ittrasferixxa lill-applikant;

(~~g~~**h**) is-sess;

(~~h~~**i**) **meta disponibbli,** it-tip u n-numru tal-identità jew dokument tal-ivvjaġġar~~;~~ il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti u ~~l-validità~~ **d-data tal-iskadenza**;

**(j)** **jekk disponibbli, kopja bil-kulur skennjata ta' dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar flimkien ma' indikazzjoni tal-awtentiċità tiegħu jew, meta mhux disponibbli, dokument ieħor li jiffaċilita l-identifikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida flimkien ma' indikazzjoni tal-awtentiċità tiegħu;**

(~~i~~**k**) in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini;

~~(j)~~ ~~in-numru ta' applikazzjoni uniku tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru. […/…];~~

**(l)** **l-Istat Membru responsabbli fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 11(1), (2) jew (3);**

(~~k~~**m**) (k) l-Istat Membru ~~tal-allokazzjoni~~ **tar-rilokazzjoni** skont l-Artikolu **14b(1)** ~~11(c)~~;;

(~~l~~**n**) (j) id-data li fiha ttieħdet ~~l-marki tas-swaba' u/jew ix-xbiha tal-wiċċ~~ **id-*data* bijometrika**;

(~~m~~**o**) id-data li fiha l-informazzjoni ġiet trażmessa lis-Sistema Ċentrali **u lis-CIR kif xieraq**;

(~~n~~**p**) il-user ID tal-operatur;

(~~o~~**q**) fejn applikabbli ~~skont~~ **l-każijiet imsemmija fl-**Artikolu 11**(2)**(a), id-data tal-wasla tal-persuna kkonċernata wara trasferiment b'suċċess;

(~~p~~**r**) fejn applikabbli ~~skont~~ **l-każijiet imsemmija fl-**Artikolu 11**(2)** (b), id-data tal-wasla tal-persuna kkonċernata wara trasferiment b'suċċess;

~~(q)~~ ~~fejn applikabbli skont l-Artikolu 11(c), id-data tal-wasla tal-persuna kkonċernata wara trasferiment b'suċċess;~~

(~~r~~**s**) fejn applikabbli ~~skont~~ **l-każijiet imsemmija fl-**Artikolu 11**(2)**(~~d~~**c**), id-data li fiha l-persuna kkonċernata ħalliet jew tkeċċiet mit-territorju tal-Istati Membri;

**(t)** **fejn applikabbli skont il-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14b(2), id-data tal-wasla tal-persuna kkonċernata wara trasferiment b'suċċess**;

~~(s)~~ ~~fejn applikabbli skont l-Artikolu 11(e), id-data li fiha tittieħdet id-deċiżjoni li tiġi eżaminata l-applikazzjoni.~~

**(u)** **meta jkun hemm indikazzjonijiet li viża nħarġet lill-applikant, l-Istat Membru li ħareġ jew estenda l-viża jew li f'ismu nħarġet il-viża u n-numru tal-applikazzjoni għall-viża;**

**(v)** **il-fatt li l-persuna tista' tkun ta' theddid għas-sigurtà interna wara l-iskrinjar imsemmi fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [*ir-Regolament dwar l-Iskrinjar*] jew wara eżami skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*];**

**(x)** **fejn applikabbli, il-fatt li l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun ġiet miċħuda meta l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' u ma jkunx tħalla**

**jibqa' fi Stat Membru skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*];**

(z) **fejn applikabbli, il-fatt li tkun ingħatat assistenza għar-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni (AVRR).**

**2. Sett ta' *data* skont il-paragrafu 1 jitqies li nħoloq għall-fini tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) Nru 818/2019 meta *d-data* kollha fil-punti minn (a) sa (f) u (h) tiġi rreġistrata.";**

(17) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 13*

**Ġbir u trażmissjoni ta' *data* bijometrika**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront ~~il-marki tas-swaba' kollha u jieħu ritratt tax-xbiha tal-wiċċ~~ ***id-data* bijometrika** ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkollhom tal-inqas sitt snin, li jinqabdu mill-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera ta' dak l-Istat Membru wara li jkunu ġew minn pajjiż terz u li ma jintbagħtux lura fih jew li baqgħu fiżikament fit-territorju tal-Istati Membri u li ma nżammewx f'kustodja, reklużjoni jew detenzjoni waqt il-perjodu sħiħ bejn il-qbid u t-tneħħija fuq il-bażi tad-deċiżjoni li jintbagħtu lura.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara d-data tal-qbid, jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali **u lis-CIR kif xieraq** *id-data* li ġejja f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, kif imsemmi fil-paragrafu 1, li ma jkunux mibgħuta lura:

(a) *id-data* dwar il-marki tas-swaba';

(b) l-immaġni tal-wiċċ;

(c) il-kunjom(ijiet) u l-isem/ismijiet, l-isem/ismijet fit-twelid u l-ismijiet użati qabel u kwalunkwe psewdonimu, li jistgħu jiddaħħlu separatament;

(d) in-nazzjonalità(jiet);

(e) ~~post u~~ id-data tat-twelid;

**(f) post tat-twelid;**

(~~f~~g) l-Istat Membru ta' oriġini, post u data tal-qbid;

(~~g~~h) is-sess;

(~~h~~i) **fejn disponibbli**, it-tip u n-numru tal-identità jew dokument tal-ivvjaġġar; il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti u ~~l-validità~~ **d-data tal-iskadenza**;

**(j) jekk disponibbli, kopja bil-kulur skennjata ta' dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar flimkien ma' indikazzjoni tal-awtentiċità tiegħu jew, jekk mhux disponibbli, dokument ieħor li jiffaċilita l-identifikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida flimkien ma' indikazzjoni tal-awtentiċità tiegħu;**

(~~i~~k) in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini;

(~~j~~l) (j) id-data li fiha ~~ttieħdu l-marki tas-swaba' u/jew ix-xbiha tal-wiċċ~~ ttieħdet ***id-data* bijometrika**;

(~~k~~**m**) id-data li fiha l-informazzjoni ġiet trażmessa lis-Sistema Ċentrali **u lis-CIR kif xieraq**;

(~~l~~**n**) il-user ID tal-operatur;

(~~m~~**o**) fejn applikabbli skont l-Artikolu 6, id-data li fiha l-persuna kkonċernata ħalliet jew tkeċċiet mit-territorju tal-Istati Membri;

**(p) l-Istat Membru tar-rilokazzjoni skont l-Artikolu 14b(1);**

**(q) fejn applikabbli, il-fatt li l-assistenza għar-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni (AVRR) ingħatat,**

**(r) il-fatt li l-persuna tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà interna wara l-iskrinjar imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ ir-*Regolament dwar l-Iskrinjar*].**

3. B'deroga mill-paragrafu 2, *id-data* speċifikata fil-paragrafu 2 dwar persuni maqbuda kif deskritt fil-paragrafu 1 li jibqgħu fiżikament fit-territorju tal-Istati Membri iżda li jibqgħu f'kustodja, reklużjoni jew detenzjoni hekk kif jinqabdu għal perjodu li jeċċedi t-72 siegħa, għandha tkun trażmessa qabel ma jinħelsu mill-kustodja, mir-reklużjoni jew mid-detenzjoni.

4. In-nuqqas ta' konformità mal-limitu tal-ħin ta' 72 siegħa msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma għandux jeżonera lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jittrażmettu ~~l-marki tas-swaba'~~ ***d-data* bijometrika** lis-~~Sistema Ċentrali~~ **CIR**. Meta l-kundizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' ta' kwalità li tassigura tqabbil xieraq skont l-Artikolu 26, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jerġa' jieħu l-marki tas-swaba' tal-persuni maqbudin kif deskritt fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jibgħathom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu ttieħdu b'suċċess

5. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn mhux possibbli li ~~jittieħdu l-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ~~ tittieħed ***id-data* bijometrika** ta' persuna mwaqqfa minħabba miżuri li ttieħdu sabiex tiġi żgurata s-saħħa tal-applikant jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu u jibagħtu din ~~dawn il-marki u x-xbiha tal-wiċċ~~ ***id-data* bijometrika** mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawn ir-raġunijiet ta' saħħa ma jibqgħux validi.

Fil-każ ta' problemi tekniċi serji, l-Istati Membri jistgħu jestendu ż-żmien ta' skadenza ta' 72 siegħa fil-paragrafu 2 b'massimu ta' 48 siegħa oħra sabiex iwettqu l-pjanijiet ta' kontinwità nazzjonali tagħhom.

6. Hekk kif l-Istat Membru tal-oriġini jiżgura li l-persuna kkonċernata li *d-data* tagħha ġiet irreġistrata fil-Eurodac skont il-paragrafu 1 ħalliet it-territorju tal-Istat Membri f'konformità mad-deċiżjoni tar-ritorn jew l-ordni ta' tkeċċija, huwa għandu jaġġorna s-sett *tad-data* rreġistrata skont il-paragrafu 2 relatat mal-persuna kkonċernata billi jżid id-data tat-tkeċċija tagħha jew ta' meta ħalliet it-territorju.

7. ~~Marki tas-swaba'~~ **Fejn mitlub mill-Istat Membru kkonċernat, *id-data* bijometrika** tista' tittieħed ukoll u tiġi trażmessa f'isem dak l-Istat Membru minn membri tat-Timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta **jew esperti tat-timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil** meta jeżerċitaw is-setgħat u jwettqu l-kompiti tagħhom skont ir-Regolament ~~dwar il-Gwardja tal-Fruntiera [u tal-Kosta] u li jħassar ir-Regoalment (KE) Nru 2007/2004, ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/EC~~ **(UE) 2019/1896 u r-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil*].**

**8. Kull sett ta' *data* miġbur u trasmess skont il-paragrafu 1 għandu jkun marbut ma' settijiet oħra ta' *data* li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida f'sekwenza kif stabbilit fl-Artikolu 4(6).**

**9. Sett ta' *data* skont il-paragrafu 2 jitqies li nħoloq għall-fini tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) Nru 818/2019 meta d-data kollha fil-punti minn (a) sa (f) u (h) tiġi rreġistrata.**";

(18) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 14*

**Ġbir u trażmissjoni ta' *data* bijometrika**

1. Kull Stat Membru għandu immedjatament jieħu ~~l-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha u jieħu ritratt tax-xbiha tal-wiċċ~~ ***d-data* bijometrika** ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ta' mill-anqas sitt snin li ~~tinstab~~ tkun illegalment fit-territorju tiegħu.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li ~~d-data tal-qbid~~ **ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkunu nstabu li qed joqogħdu illegalment**, jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali **u lis-CIR kif xieraq** id-*data* li ġejja f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, kif imsemmi fil-paragrafu 1:

(a) *id-data* dwar il-marki tas-swaba';

(b) l-immaġni tal-wiċċ;

(c) il-kunjom(ijiet) u l-isem/ismijiet, l-isem/ismijet fit-twelid u l-ismijiet użati qabel u kwalunkwe psewdonimu, li jistgħu jiddaħħlu separatament;

(d) nazzjonalità(jiet);

(e) ~~post u~~ id-data tat-twelid;

**(f) post tat-twelid;**

(~~f~~**g**) l-Istat Membru ta' oriġini, post u data tal-qbid;

(~~g~~**h**) is-sess;

(~~h~~**i**) **fejn disponibbli**, it-tip u n-numru tal-identità jew dokument tal-ivvjaġġar; il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti u ~~l-validità~~ **d-data tal-iskadenza**;

**(j) jekk disponibbli, kopja bil-kulur skennjata ta' dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar flimkien ma' indikazzjoni tal-awtentiċità tiegħu jew, meta mhux disponibbli, dokument ieħor li jiffaċilita l-identifikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida flimkien ma' indikazzjoni tal-awtentiċità tiegħu;**

(~~i~~**k**) in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini;

(~~j~~**l**) (j) id-data li fiha ~~ttieħdu l-marki tas-swaba' u/jew ix-xbiha tal-wiċċ~~ ttieħdet ***id-data* bijometrika**;

(~~k~~**m**) id-data li fiha l-informazzjoni ġiet trażmessa lis-Sistema Ċentrali **u lis-CIR kif xieraq**;

(~~l~~**n**) il-user ID tal-operatur;

(~~m~~**o**) fejn applikabbli skont il-paragrafu ~~6~~ **5**, id-data li fiha l-persuna kkonċernata ħalliet jew tkeċċiet mit-territorju tal-Istati Membri;

**(p) l-Istat Membru tar-rilokazzjoni skont l-Artikolu 14b(1);**

**(q) fejn applikabbli skont il-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14b(2), id-data tal-wasla tal-persuna kkonċernata wara trasferiment b'suċċess;**

**(r) fejn applikabbli, il-fatt li tkun ingħatat l-assistenza għar-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni (AVRR);**

**(s) fejn applikabbli, il-fatt li l-persuna tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà interna wara l-iskrinjar imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar l-Iskrinjar*].**

~~3. Id-data dwar il-marki tas-swaba' ta' ċittadin terz jew persuna apolida kif imfisser fil-paragrafu 1 għandha tiġi trażmessa lis-Sistema Ċentrali għall-għan waħdieni ta' tqabbil u mqabbla mad-data dwar marki tas-swaba' ta' persuni li tteħdulhom il-marki tas-swaba' għall-fini tal-Artikolu 10(1), 13(1) u 14(1) trażmessa minn Stati Membri oħra u diġà rreġistrata fis-Sistema Ċentrali.~~

~~4~~3. In-nuqqas ta' konformità mal-limitu tal-ħin ta' 72 siegħa msemmi fil-paragrafu ~~3~~ **2** ma għandux jeżonera lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jittrażmettu ~~l-marki tas-swaba'~~ ***d-data* bijometrika** lis-~~Sistema Ċentrali~~**CIR**. Meta l-kundizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' ta' kwalità li tassigura tqabbil xieraq skont l-Artikolu 26, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jerġa' jieħu l-marki tas-swaba' tal-persuni maqbudin kif deskritt fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jibagħthom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu ttieħdu b'suċċess

~~5~~4. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn mhux possibbli li ~~jittieħdu l-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ~~ tittieħed ***id-data* bijometrika** ta' persuna mwaqqfa minħabba miżuri li ttieħdu sabiex tiġi żgurata s-saħħa tal-applikant jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu u jibagħtu din ~~dawn il-marki u x-xbiha tal-wiċċ~~ ***id-data* bijometrika** mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawn ir-raġunijiet ta' saħħa ma jibqgħux validi.

Fil-każ ta' problemi tekniċi serji, l-Istati Membri jistgħu jestendu ż-żmien ta' skadenza ta' 72 siegħa fil-paragrafu 2 b'massimu ta' 48 siegħa oħra sabiex iwettqu l-pjanijiet ta' kontinwità nazzjonali tagħhom.

~~6~~5. Hekk kif l-Istat Membru tal-oriġini jiżgura li l-persuna kkonċernata li *d-data* tagħha ġiet irreġistrata fil-Eurodac skont ~~l-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament~~ **il-paragrafu 1** ħalliet it-territorju tal-Istat Membri f'konformità mad-deċiżjoni tar-ritorn jew l-ordni ta' tkeċċija, huwa għandu jaġġorna s-sett *tad-data* rreġistrata skont il-paragrafu 2 ~~ta' dan l-Artikolu~~ rigward il-persuna kkonċernata billi jżid id-data tat-tkeċċija tagħha jew meta ħalliet it-territorju.

**6. Kull sett ta' *data* miġbur u trasmess skont il-paragrafu 1 għandu jkun marbut ma' settijiet oħra ta' *data* li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida f'sekwenza kif stabbilit fl-Artikolu 4(6).**

**7. Sett ta' *data* skont il-paragrafu 2 jitqies li nħoloq għall-fini tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) Nru 818/2019 meta *d-data* kollha fil-punti minn (a) sa (f) u (h) tiġi rreġistrata.";**

(19) il-Kapitolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 14:

## “KAPITOLU IV a

## ĊITTADINI TA’ PAJJIŻI TERZI JEW PERSUNI APOLIDI ŻBARKATI WARA OPERAZZJONI TA’ TFITTXIJA U SALVATAĠĠ

*Artikolu 14a*

**Ġbir u trażmissjoni ta’ *data* bijometrika**

**1. Kull Stat Membru għandu minnufih jieħu *d-data* bijometrika ta’ kull ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida ta’ mill-inqas sitt snin li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta’ tfittxija u salvataġġ, kif iddefinit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*].**

**2. L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara d-data tal-qbid, jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR *id-data* li ġejja f’dak li għandu x’jaqsam ma’ kull ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida, kif imsemmi fil-paragrafu 1:**

**(a) *id-data* dwar il-marki tas-swaba’;**

**(b) l-immaġni tal-wiċċ;**

**(c) il-kunjom(ijiet) u l-isem/ismijiet, l-isem/ismijet fit-twelid u l-ismijiet użati qabel u kwalunkwe psewdonimu, li jistgħu jiddaħħlu separatament;**

**(d) nazzjonalità(jiet);**

**(e) id-data tat-twelid;**

**(f) post tat-twelid;**

**(g) l-Istat Membru ta’ oriġini, il-post u d-data tal-iżbark;**

**(h) is-sess;**

**(i) it-tip u n-numru tal-identità jew dokument tal-ivvjaġġar; il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti u d-data tal-iskadenza;**

**(j) jekk disponibbli, kopja bil-kulur skennjata ta’ dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar flimkien ma’ indikazzjoni tal-awtentiċità tiegħu jew, meta mhux disponibbli, dokument ieħor li jiffaċilita l-identifikazzjoni taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida flimkien ma’ indikazzjoni tal-awtentiċità tiegħu;**

**(k) in-numru ta’ referenza użat mill-Istat Membru ta’ oriġini;**

**(l) id-data li fiha ttieħdet *id-data* bijometrika;**

**(m) id-data li fiha l-informazzjoni ġiet trażmessa lis-Sistema Ċentrali u li-CIR kif xieraq;**

**(n) il-user ID tal-operatur;**

**(o) fejn applikabbli skont l-Artikolu 6, id-data li fiha l-persuna kkonċernata ħalliet jew tkeċċiet mit-territorju tal-Istati Membri;**

**(p) l-Istat Membru tar-rilokazzjoni skont l-Artikolu 14b(1);**

**(q) fejn applikabbli, il-fatt li l-assistenza għar-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni (AVRR) ingħatat,**

(r) il-fatt li l-persuna tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà interna wara l-iskrinjar imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ ir-*Regolament dwar l-Iskrinjar*].

4. In-nuqqas ta' konformità mal-limitu tal-ħin ta' 72 siegħa msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma għandux jeżonera lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jittrasmettu *d-data* bijometrika lis-CIR. Meta l-kondizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' ta' kwalità li tassigura tqabbil xieraq skont l-Artikolu 26, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jerġa' jieħu l-marki tas-swaba' tal-persuni żbarkati kif deskritt fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jibagħthom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu ttieħdu b'suċċess.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn mhux possibbli li tittieħed *id-data* bijometrika tal-persuna żbarkata minħabba miżuri li ttieħdu sabiex tiġi żgurata s-saħħa tagħha jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu u jibgħat din id-*data* bijometrika mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawk ir-raġunijiet ma jibqgħux iktar prevalenti.

Fil-każ ta' problemi tekniċi serji, l-Istati Membri jistgħu jestendu ż-żmien ta' skadenza ta' 72 siegħa fil-paragrafu 2 b'massimu ta' 48 siegħa oħra sabiex iwettqu l-pjanijiet ta' kontinwità nazzjonali tagħhom.

6. Hekk kif l-Istat Membru tal-oriġini jiżgura li l-persuna kkonċernata li *d-data* tagħha ġiet irreġistrata fil-Eurodac skont il-paragrafu 1 ħalliet it-territorju tal-Istat Membri f'konformità mad-deċiżjoni tar-ritorn jew l-ordni ta' tkeċċija, huwa għandu jaġġorna s-sett *tad-data* rreġistrata skont il-paragrafu 2 relatat mal-persuna kkonċernata billi jżid id-data tat-tkeċċija tagħha jew ta' meta ħalliet it-territorju.

7. Meta jintalab mill-Istat Membru kkonċernat, *id-data* bijometrika tista' tittieħed u tiġi trażmessa wkoll f'isem dak l-Istat Membru minn membri tat-Timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta jew minn esperti tat-timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil meta jeżerċitaw is-setgħat u jwettqu l-kompiti tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-*Regolament tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil*].

8. Kull sett ta' *data* miġbur u trasmess skont il-paragrafu 1 għandu jkun marbut ma' settijiet oħra ta' *data* li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida f'sekwenza kif stabbilit fl-Artikolu 4(6).

9. Sett ta' *data* skont il-paragrafu 1 jitqies li nħoloq għall-fini tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) Nru 818/2019 meta *d-data* kollha fil-punti minn (a) sa (f) u (h) tiġi rreġistrata.";

(20) il-Kapitolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 14a:

## "KAPITOLU IV b

## INFORMAZZJONI DWAR IR-RILOKAZZJONI

*Artikolu 14b*

### Informazzjoni dwar l-i*status* tar-rilokazzjoni tas-suġġett *tad-data*

1. Hekk kif l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jkun obbligat jirriloka l-persuna kkonċernata skont l-Artikolu 57(7) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], l-Istat Membru benefiċjarju għandu jaġġorna

**s-sett *tad-data* tiegħu rreġistrat skont l-Artikoli 12, 13, 14 jew 14a ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuna kkonċernata billi jżid l-Istat Membru ta' rilokazzjoni.**

**2. Meta persuna tasal fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni wara l-konferma mill-Istat Membru tar-rilokazzjoni biex il-persuna kkonċernata tiġi rilokata skont l-Artikolu 57(7) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], dak l-Istat Membru għandu jibgħat sett ta' *data* rreġistrat skont l-Artikoli 12 jew 14 ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuna kkonċernata u għandu jinkludi d-data tal-wasla tal-persuna. Is-sett ta' *data* għandu jinħażen f'konformità mal-Artikolu 17(1) għall-fini tat-trażmissjoni skont l-Artikoli 15 u 16.";**

(21) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 3 a li ġej:

"**3a. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 14a(1), kull sett ta' *data* relatata ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida kif imsemmi fl-Artikolu 14(2), għandu jinżamm fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq għal ħames snin mid-data li fiha tkun ittieħdet *id-data* bijometrika.**";

(b)il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(4). Hekk kif jiskadi l-perjodu taż-żamma *tad-data* msemmi fil-paragrafi minn (1) sa **(3a)** ta' dan l-Artikolu, ~~is-Sistema Ċentrali għandha awtomatikament tħassar~~ *id-data* tas-suġġetti *tad-data* **għandha titħassar** mis-Sistema Ċentrali **u mis-CIR kif xieraq**.';

(22) L-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 19*

**L-immarkar *u l-imblukkar tad-data***

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a), l-Istat Membru ta' oriġini li jkun ta protezzjoni internazzjonali ~~lil applikant għall-protezzjoni internazzjonali~~ **għal persuna** li *d-data* dwarha kienet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali **u fis-CIR kif xieraq** skont l-Artikolu 12, għandu jimmarka *d-data* rilevanti skont ir-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(1) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 **u 16**. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar *tad-data* minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'*data* li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 10(1), 13(1), ~~jew~~ 14(1), **jew 14a(1)**. Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet *tad-data* korrispondenti.

2. *Id-data* dwar benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali maħżuna fis-Sistema Ċentrali **u fis-CIR kif xieraq** u mmarkata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssir disponibbli għal tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)d ~~għal perjodu ta' tliet snin wara d-data li fiha s-suġġett tad-data ngħata protezzjoni internazzjonali~~ **sakemm tali *data* titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 17(4)**.

~~Fejn ikun hemm hit, is-sistema Ċentrali għandha tittrażmetti d-data msemmija fl-Artikolu 12(b) sa (s) għas-settijiet tad-data kollha korrispondenti għall-hit. Is-Sistema Ċentrali ma għandhiex tittrażmetti l-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Malli jiskadi l-perjodu ta' tliet snin, is-Sistema Ċentrali għandha awtomatikament tibblokka tali data milli tiġi trażmessa fil-każ ta' talba għal tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(c), filwaqt li~~

~~tħalli dik id-data disponibbli għat-tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) sal-punt ta' tħassir. Data mblukkata ma għandhiex tiġi trażmessa, u s-Sistema Ċentrali għandha tagħti riżultat negattiv lill-Istat Membru rikjedenti fil-każ ta' hit.~~

3. L-Istat Membru ta' oriġini għandu jneħħi l-marka fuq *data* ~~jew jiżblokka~~ li tikkonċerna ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li *d-data* tagħhom kienet ġiet preċedentement immarkata ~~jew żblukkata~~ taħt il-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu jekk l-i*status* tagħhom ġie ~~revokat jew intenn jew it-tiġdid tal-istatus tagħhom ġie rifjutat taħt [l-Artikoli 14 jew 19 tad-Direttiva 2011/95/UE]~~ **revokat skont l-Artikoli 14 jew 20 tar-Regolament Nru (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika]**.

4. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)**(a) u** (c), l-Istat Membru ta' oriġini li **ħareġ** ~~ta~~ dokument ta' residenza lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn illegali li *d-data* tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali **u fis-CIR kif xieraq** skont l-Artikolu 13 (2) u 14(2) **jew lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ li *d-data* tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 14a(2)** għandu jimmarka d-data rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti tal-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(2) ~~u~~ (3) **u (3a)** għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar *tad-data* minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'*data* li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu**10(1)**, 13(1), ~~jew~~ 14(1), **jew 14a(1)**. Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet *tad-data* korrispondenti.

5. *Id-data* ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi b'soġġorn illegali maħżuna fis-Sistema Ċentrali **u fis-CIR** u mmarkata skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli għall-paragun għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(d) sakemm tali *data* titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali **u mis-CIR** skont l-Artikolu 17(4).

**6. Għall-finijiet tal-Artikolu 58(4) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*], l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu, wara r-reġistrazzjoni *tad-data* skont l-Artikolu 14b(2), jirreġistra lilu nnifsu bħala l-Istat Membru responsabbli u jimmarka din *id-data* bl-immarkar introdott mill-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni.**";

(23) fl-Artikolu 21, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"**1 a. Meta l-awtoritajiet maħtura jikkonsultaw is-CIR f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament 2019/818, dawn ikunu jistgħu jaċċessaw il-Eurodac għall-konsultazzjoni skont il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu meta t-tweġiba riċevuta skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2019/818 tindika li *d-data* tkun maħżuna fil-Eurodac.**";

(24) fl-Artikolu 22, jiddaħħal il-paragrafu 1 a li ġej:

"**1 a. Meta l-Europol ikkonsultat is-CIR f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2019/818, hija tista' taċċessa l-Eurodac għal konsultazzjoni bil-kundizzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu meta t-tweġiba riċevuta skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2019/818 tindika li *d-data* hija maħżuna fil-Eurodac.**";

(25) fl-Artikolu 28, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"**3 a. L-aċċess għall-finijiet tal-konsultazzjoni *tad-data* tal-Eurodac maħżuna fis-CIR għandu jingħata lill-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali ta' kull**

**Stat Membru u lill-persunal debitament awtorizzat tal-korpi tal-Unjoni li jkun kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament (UE) 2019/818. Dan l-aċċess għandu jkun limitat sal-punt neċessarju għat-twettiq tal-kompiti ta' dawn l-awtoritajiet nazzjonali u tal-korpi tal-Unjoni f'konformità ma' dawn il-finijiet, u għandu jkun proporzjonat għall-għanijiet li jridu jintlaħqu.**";

(26) L-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi 1a u 1b li ġejjin:

**"(1a) Għall-finijiet tal-Artikolu 8a, l-eu-LISA għandha żżomm rekords ta' kull operazzjoni ta' pproċessar *tad-data* mwettqa fil-Eurodac. Ir-rekords ta' tali tip ta' operazzjonijiet għandhom jinkludu l-elementi previsti fl-ewwel paragrafu u l-hits skattati waqt it-twettiq tal-ipproċessar awtomatizzat stabbilit fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2018/1240.**

**1b. Għall-fini tal-Artikolu 8c, l-Istati Membri u l-eu-LISA għandhom iżommu rekords ta' kull operazzjoni ta' pproċessar *tad-data* mwettqa fi ħdan il-Eurodac u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża f'konformità ma' dan l-Artikolu u l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008.";**

(b)il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a)**,** ~~u~~ **(b),** (~~b~~**c**), **(f) u (g)**, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jilħaq l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafi 1, **1a, 1b** u 2 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tas-sistema nazzjonali tiegħu. Minbarra dan, kull Stat Membru għandu jżomm rekord tal-persunal debitament awtorizzat li jdaħħal jew jikseb *id-data*.";

(27) fl-Artikolu 39(2), jiddaħħal il-punt (i) li ġej:

"**(i)** **fejn relevanti, ir-referenza għall-użu tal-portal Ewropew tat-tfittxija biex issir tfittxija fil-Eurodac kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2019/818.**";

(28) Il-Kapitolu VIIIa li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 40:

## "KAPITOLU VIIIA

## EMENDI TAR-REGOLAMENTI (UE) 2018/1240 U (UE) 2019/818

*Artikolu 40a*

**Emendi tar-Regolament (UE) 2018/1240**

Ir-Regolament (UE) 2018/1240 huwa emendat kif ġej:

(1)fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu 6 a li ġej:

**"(6 a) Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki msemmija fil-punt (k) tal-Artikolu 20(2), l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandu jippermetti lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tfittex fil-Eurodac stabbilita mir-[Regolament (UE) XXX/XXX], *bid-data* msemmija fl-Artikolu 17(2), il-punti minn (a) sa (d):**

**(a) il-kunjom (isem il-familja), il-kunjom tat-twelid, l-ewwel isem/ismijiet (l-isem/ismijiet mogħti(ja), id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, is-sess, in-nazzjonalità attwali;**

**(b) ismijiet oħra (psewdonimu/i, isem/ismijiet artistiku/ċi, isem/ismijiet tas-soltu), jekk ikollu;**

**(c) nazzjonalitajiet oħrajn (jekk hemm);**

**(d) it-tip, in-numru, il-pajjiż ta' oriġini tad-dokument tal-ivvjaġġar.";**

(2) fl-Artikolu 25 a(1) jiddaħħal il-punt (e) b'dan li ġej:

**"(e) l-Artikoli 12, 13, 14 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*].";**

(3) fl-Artikolu 88, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"6. L-operazzjonijiet tal-ETIAS għandhom jibdew irrispettivament minn jekk tiddaħħalx fis-seħħ l-interoperabbiltà mal-Eurodac jew mal-ECRIS-TCN.";**

*Artikolu 40b*

**Emendi tar-Regolament (UE) 2019/818**

Ir-Regolament (UE) 2019/818 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-punt (20) huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"(20). "awtoritajiet maħtura" tfisser l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri kif definiti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*], fil-punt (26) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fil-punt (3a) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 767/2008, u fil-punt (21) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;";**

(2) fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 10, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

**Mingħajr ħsara għall-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*], l-Artikoli 12 u 18 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1862, għall-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2019/816 u għall-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2016/794, l-eu-LISA għandha żżomm reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar *tad-data* fl-ESP. Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom jinkludu, b'mod partikolari, dawn li ġejjin:";**

(3) il-paragrafu 1 tal-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"(b) *id-data* msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (b), u (2) tar-Regolament (UE) 2019/816.";**

(b) jiddaħħal il-punt (c) li ġej:

**"(c) *id-data* msemmija fl-Artikoli 12, il-punti (a) u (b), 13(2), il-punti (a) u (b), 14 (2), il-punti (a) u (b) u 14a (2), il-punti (a) u (b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*].";**

"4. L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 14*

**It-tfittix *tad-data* bijometrika bis-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku**

**Biex wieħed ifittex *fid-data* bijometrika maħżuna fis-CIR u s-SIS, is-CIR u s-SIS għandhom jużaw il-mudelli bijometriċi maħżuna fil-BMS kondiviż. It-tfittxijiet *bid-data* bijometrika għandhom isiru f'konformità mal-finijiet previsti f'dan ir-Regolament u fir-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*], ir-Regolamenti (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816.**";

(5) Fl-Artikolu 16, il-frażi introduttorja tal-paragrafu 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

**"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*], l-Artikoli 12 u 18 tar-Regolament (UE) 2018/1862 u għall-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2019/816, l-eu-LISA għandha żżomm reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar *tad-data* fil-BMS kondiviż.**

(6) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"1. Is-CIR għandu jaħżen *id-data* li ġejja, loġikament separata, skont is-sistema ta' informazzjoni li minnha oriġinat *id-data*:**

**a) *id-data* msemmija fl-Artikolu 12, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), l-Artikolu 13(2), il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), l-Artikolu 14(2), il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i) u l-Artikolu 14a, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i) tar-Regolament (UE) XXX/ XXX [*ir-Regolament Eurodac*];**

**b) *id-data* msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (b), u (2) u *d-data* li ġejja elenkata fl-Artikolu 5(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/816: il-kunjom (isem il-familja), l-ewwel ismijiet (ismijiet), id-data tat-twelid, il-post tat-twelid (belt u pajjiż), in-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet, is-sess u l-ismijiet preċedenti jekk applikabbli, il-laqmijiet /jew il-psewdonimi fejn disponibbli, kif ukoll, fejn disponibbli, informazzjoni dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar.";**

(7) Fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"1. *Id-data* msemmija fl-Artikolu 18(1), (2) u (2a) għandha titħassar mis-CIR b'mod awtomatizzat f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar iż-żamma ta' *data* tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*] u r-Regolament (UE) 2019/816.";**

(8) L-Artikolu 24 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 24*

**Żamma ta' reġistrazzjonijiet**

**Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*] u għall-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2019/816, l-eu-LISA għandha żżomm reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar *tad-data* fis-CIR skont il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.";**

(9) Fl-Artikolu 26(1), jiddaħħlu l-punti (aa), (ab), (ac) u (ad):

**"(aa) l-awtoritajiet kompetenti biex jivvalutaw talba għal protezzjoni meta jivvalutaw talba ġdida għal protezzjoni internazzjonali;**

**(ab) l-awtoritajiet kompetenti biex jiġbru *d-data* prevista fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*] meta jittrażmettu *d-data* lill-Eurodac;**

**(ac)** **l-awtoritajiet kompetenti biex jiġbru *d-data* prevista fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*] meta jittrażmettu *d-data* lill-Eurodac;**

**(ad)** **l-awtoritajiet kompetenti biex jiġbru *d-data* prevista fil-Kapitolu IVA tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*] meta jittrażmettu *d-data* lill-Eurodac;";**

(10) L-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt li ġej (aa) jiddaħħal fil-paragrafu 1:

**"(Aa) is-sett *tad-data* huwa trażmess lill-Eurodac skont l-Artikoli 10, 13, 14 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac];";**

(b) il-punt li ġej (aa) jiddaħħal fil-paragrafu 3:

**'(aa) il-kunjom(ijiet); l-isem(ismijiet); l-isem/l-ismijiet tat-twelid, l-ismijiet u l-psewdonimi użati qabel; id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, in-nazzjonalità(jiet) u s-sess kif imsemmija fl-Artikolu minn 12 sa 14a tar-Regolament (EU) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*];";**

(11) fl-Artikolu 29(1), jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

**"(aa) l-awtorità li tivvaluta talba għal protezzjoni internazzjonali kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*] għal hits li jkunu seħħew matul il-valutazzjoni tat-tali talba;";**

(12) fl-Artikolu 39, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"2. L-eu-LISA għandha tistabbilixxi, timplimenta u tospita fis-siti tekniċi tagħha lis-CRRS li fihom *id-data* u l-istatistika msemmija fl-Artikolu 42(8) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*], l-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1862 u l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/816 isseparati loġikament mis-sistema ta' informazzjoni tal-UE. L-aċċess għar-repożitorju tas-CRRS għandu jingħata permezz ta' aċċess sikur b'kontroll u profili ta' utenti speċifiċi, unikament għall-fini ta' rapportar u statistika, lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 42(8) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*], l-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1862 u l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/816.";**

(13) fl-Artikolu 47, jiddaħħal l-inċiż il-ġdid li ġej fil-paragrafu 3:

**"Persuni li *d-data* tagħhom hija rreġistrata fil-Eurodac għandhom jiġu infurmati dwar l-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 1 meta jiġi trasmess sett ta' *data* ġdid lill-Eurodac skont l-Artikoli 10, 12, 13, 14 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*].";**

(14) L-Artikolu 50 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 50*

**Komunikazzjoni ta' *data* personali lil pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet privati**

**Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, għall-Artikoli 25 u 26 tar-Regolament (UE) 2016/794, għall-Artikoli 37 u 38 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*] għall-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2017/2226, għall-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2018/1240 u għal meta jsiru**

**tfittxijiet fil-bażijiet *tad-data* tal-Interpol permezz tal-ESP skont l-Artikolu 9(5) ta' dan ir-Regolament li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725 u tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, *id-data* personali maħżuna fil-komponenti tal-interoperabbiltà, jew li dawn il-komponenti jipproċessaw jew li jaċċedu għaliha, m'għandhiex tiġi ttrasferita u ma għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ebda pajjiż terz, organizzazzjoni internazzjonali jew parti privata.**

(29) jiddaħħal l-Artikolu 41 a li ġej:

*Artikolu 41 a*

**Proċedura ta' kumitat**

**1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) 182/2011.**

**2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**

**3. Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' *data* bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulat) u li temenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 |

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

| |
|---|
| 11 – Ġestjoni tal-Fruntieri |

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

**☐ azzjoni ġdida**

**☐ azzjoni ġdida segwita minn proġett pilota/azzjoni preparatorja**[31]

**☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

**☐ fużjoni jew direzzjoni mill-ġdid ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

| |
|---|
| Kif imħabbar fil-linji gwida politiċi tal-President von der Leyen, il-Komunikazzjoni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (COM (2020) XXX finali) tippreżenta bidu ġdid dwar il-migrazzjoni biex jinkiseb bilanċ ġust bejn ir-responsabbiltà għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa u s-solidarjetà fost l-Istati Membri biex jittrattaw il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ażil. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tkompli ssaħħaħ il-Eurodac.<br><br>Flimkien mal-Komunikazzjoni tagħha dwar Patt Ġdid għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM (2020) XXX final), il-Kummissjoni tippreżenta proposta emendata għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' *data* bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni*], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil *mad-data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi u li temenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818. Din il-proposta hija bbażata fuq it-test tal-ftehim proviżorju milħuq mill-koleġiżlaturi dwar il-proposta tal-2016 għar-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac u żżid sett ġdid ta' funzjonalitajiet mal-bażi *tad-data*. |

[31] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Dawn il-funzjonalitajiet ġodda jippermettu l-għadd tal-applikanti kif ukoll tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, l-implimentazzjoni korretta tal-qafas tal-interoperabbiltà kif stabbilit b'mod partikolari mir-Regolament (UE) 2019/818, l-appoġġ xieraq għall-proposta l-ġdida għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni (ir-riforma tas-sistema ta' Dublin preċedenti), rabta aktar faċli mar-ritorn u artikolazzjoni mingħajr xkiel mal-proposta għal Regolament dwar l-Iskrinjar.

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/ċi u l-attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernat(i)*

DĠ HOME AMP Objettiv speċifiku Nru 1: It-tisħiħ u l-iżvilupp tal-aspetti kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, inkluż id-dimensjoni esterna tagħha.

Attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i: Attività 11: Ġestjoni tal-Fruntieri:

Objettiv Speċifiku Nru 1: Evoluzzjoni tas-sistema funzjonali tal-Eurodac

Objettiv Speċifiku Nru 2: Titjib tal-kapaċità tal-bażi *tad-data* tal-Eurodac

*1.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Il-proposta se tibni fuq il-ftehim proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-2016 għar-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac.

**Il-proposta ppreżentata fl-2016** kellha l-għan li tgħin lill-Istati Membri jiżguraw li applikant għall-protezzjoni internazzjonali jkollu l-applikazzjoni tiegħu/tagħha eżaminata minn Stat Membru wieħed u li tnaqqas l-ambitu ta' abbuż tas-sistema tal-ażil billi tiskoraġġixxi "s-shopping għal ażil" fl-UE. Din kellha wkoll l-għan li tippermetti lill-Istati Membri jidentifikaw ċittadini irregolari ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment fl-UE billi jaħżnu *d-data* tagħhom. Dan jgħin lill-Istati Membri biex jiddokumentaw mill-ġdid ċittadini ta' pajjiżi terzi bil-ħsieb li jirritornawhom lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Bit-tnaqqis tal-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' għal sitt snin, il-proposta kellha l-għan li tappoġġa l-identifikazzjoni ta' minorenni u, jekk ikun meħtieġ, li tikkontribwixxi għat-traċċar tal-familja f'każijiet fejn dawn ikunu separati mill-familji tagħhom billi tippermetti lil Stat Membru jsegwi linja ta' inkjesta fejn tqabbil tal-marki tas-swaba' jindika li kienu preżenti fi Stat Membru ieħor. Din kellha wkoll l-għan li ssaħħaħ il-protezzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati li mhux dejjem formalment ifittxu protezzjoni internazzjonali u li jaħarbu minn istituzzjonijiet ta' kura tat-tfal jew servizzi soċjali li lilhom tkun ġiet assenjata l-kura tagħhom. Ir-reġistrazzjoni ta' minorenni minn pajjiżi terzi fil-Eurodac għalhekk tikkontribwixxi biex jinżamm rekord tagħhom u ma jiġi evitat li jispiċċaw f'xenarji ta' sfruttament.

Matul in-negozjati, **ġew introdotti diversi modifiki mill-koleġiżlaturi.** Għalhekk, ġew miżjuda żewġ kategoriji ġodda ta' persuni fil-Eurodac, jiġifieri persuni rreġistrati għall-fini tat-twettiq ta' proċedura ta' ammissjoni skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni*] u persuni ammessi skont skema nazzjonali ta' risistemazzjoni. L-għan ta' dawn iż-żidiet huwa li jgħinu lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni korretta tar-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni. F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni*] dawn huma tnejn mir-raġunijiet għall-ammissjoni skont dan ir-Regolament; jekk tali *data* ma tiġix irreġistrata fil-Eurodac, Stat Membru li jwettaq proċedura ta' ammissjoni għar-risistemazzjoni jkollu jivverifika bilateralment mal-Istati Membri l-oħra kollha jekk il-persuna inkwistjoni kinitx f'waħda minn dawk iż-żewġ sitwazzjonijiet. Il-koleġiżlaturi introduċew ukoll bidliet li jiffaċilitaw l-aċċess tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-Eurodac billi ppermettewlhom il-possibbiltà li jagħmlu tfittxijiet fuq il-bażi ta' *data* alfanumerika. Huma introduċew ukoll id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex fil-Eurodac jinħażnu l-kopji bil-kulur skennjati tad-dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar. L-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet kien li jiffaċilitaw ir-ritorn.

B'kont meħud ta' dan kollu ta' hawn fuq u filwaqt li tibni fuq din il-bażi, **il-proposta attwali** se tittrasforma s-sistema biex tippermetti l-għadd ta' applikanti (għall-ewwel darba) għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri u l-UE se jibbenefikaw minn dan bħala l-ewwel pass biex jiġu mmappjati movimenti mhux awtorizzati u jiġi żgurat rispons ta' politika xieraq biex jiġi indirizzat dan il-fenomenu. Barra minn hekk, dispożizzjonijiet ġodda se jiżguraw koerenza mal-proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (ir-riforma tas-sistema ta' Dublin preċedenti). Din il-proposta tipprovdi kriterju ta' responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali meta l-applikazzjoni tkun ġiet

irreġistrata wara li l-persuna kkonċernata tkun ġiet żbarkata wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ (skont ir-regoli attwali dawn il-persuni huma koperti mill-kriterju tad-dħul irregolari). Filwaqt li r-regoli ta' responsabbiltà għal din il-kategorija l-ġdida huma l-istess bħar-regoli għal persuni li jidħlu b'mod irregolari, id-distinzjoni hija rilevanti fir-rigward tal-fatt li l-Istati Membri tal-iżbark jiffaċċjaw sfidi speċifiċi billi ma jistgħux japplikaw għall-iżbarki tas-SAR l-istess għodod bħal dawk għal qsim irregolari bl-art jew bl-ajru. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm kategorija separata għal dawn il-persuni fil-Eurodac minflok ma jiġu rreġistrati bħala persuni li jaqsmu l-fruntiera b'mod irregolari (kif inhu l-każ bħalissa). Iċ-ċaqliq tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri se jkun rifless ukoll b'mod ċar fil-Eurodac u b'hekk jgħaġġlu l-proċeduri tal-ażil. L-immarkar tat-twissija ta' sigurtà wara l-proċedura l-ġdida ta' skrinjar se jiffaċilita wkoll l-applikazzjoni tar-regoli ta' rilokazzjoni billi l-persuni li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà huma esklużi mir-rilokazzjoni. Bl-istess mod, l-introduzzjoni ta' qasam li jindika l-Istat Membru li jkun ħareġ jew estenda viża lill-applikant jew li f'ismu tkun inħarġet il-viża u n-numru tal-applikazzjoni tal-viża jiffaċilita l-applikazzjoni tal-kriterji ta' responsabbiltà għal dawk l-Istati Membri/Pajjiżi Assoċjati li mhumiex marbuta bir-Regolament VIS iżda li madankollu huma affettwati mill-ħruġ ta' viża. Għalhekk, billi jimmarkaw b'mod ċar dawn l-elementi kollha fil-Eurodac, l-Istati Membri se jibbenefikaw minn proċess ta' ażil aktar mgħaġġel f'sens aktar wiesa'. Fl-aħħar nett, il-proposta l-ġdida se tiżgura artikolazzjoni bla xkiel bl-iskrinjar permezz ta' adattament tal-iskadenzi u rabta aktar faċli mar-ritorn billi timmarka jekk applikazzjoni tkunx ġiet irrifjutata u l-persuna ma jkollha ebda dritt li tibqa' u billi timmarka jekk tkunx ingħatat l-assistenza għar-ritorn volontarju u għar-riintegrazzjoni (AVVR).

Il-proposta attwali se tintroduċi wkoll sett ta' emendi konsegwenzjali marbuta mal-qafas tal-interoperabbiltà, inklużi emendi għar-Regolament dwar l-Interoperabbiltà. Il-ġustifikazzjonijiet legali u finanzjarji meħtieġa għal dawn huma previsti fid-dikjarazzjoni legali u finanzjarja tal-Interoperabbiltà (legal and financial statement, LFS) u mhux se jkunu koperti minn dan id-dokument.

### 1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

<u>Matul l-aġġornament tas-Sistema Ċentrali, inkluż bil-għan tal-implimentazzjoni tal-qafas tal-interoperabbiltà</u>

Wara l-approvazzjoni tal-abbozz tal-proposta u l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi s-Sistema Ċentrali tal-Eurodac se tkun aġġornata f'termini ta' kapaċità u throughput għat-trażmissjoni mill-Punti ta' Aċċess Nazzjonali tal-Istati Membri. eu-LISA se tikkoordina l-ġestjoni tal-proġett ta' mmodernizzar tas-Sistema Ċentrali u s-sistemi nazzjonali fil-livell tal-UE u l-integrazzjoni ta' Interface Nazzjonali Uniformi (National Uniform Interface, NUI) mwettqa mill-Istati Membri fuq livell nazzjonali.

Objettiv Speċifiku: Lest għall-operazzjonijiet meta r-Regolament il-ġdid dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (ir-riforma tas-sistema ta' Dublin preċedenti) se jidħol fis-seħħ.

Indikatur: Sabiex tkun tista' tibda taħdem, eu-LISA nnotifikat it-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tas-Sistema Ċentrali tal-Eurodac li se jsir mill-Aġenzija flimkien mal-Istati Membri.

<u>Ladarba s-Sistema Ċentrali l-ġdida tkun operazzjonali (l-Artikolu 42 tal-proposta oriġinali tal-2016 kif miftiehem b'mod proviżorju mill-koleġiżlaturi)</u>

Ladarba s-sistema tal-Eurodac tkun operazzjonali, eu-LISA għandha tiżgura li hemm sistemi fis-seħħ sabiex jimmonitorjaw il-funzjonament tas-sistema permezz ta' miri. Fl-aħħar ta' kull sena eu-LISA jenħtieġ li tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali, inkluż dwar il-funzjonament tekniku tagħha u s-sigurtà. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-Eurodac skont indikaturi kwantitattivi definiti minn qabel għall-objettivi tagħha.

Fi żmien tliet snin mill-adozzjoni, jenħtieġ li l-eu-LISA twettaq studju dwar il-fattibbiltà teknika li żżid software ta' rikonoxximent tal-wiċċ fis-Sistema Ċentrali, li jiżgura riżultati kredibbli u preċiżi wara paragun *tad-data* tal-immaġni tal-wiċċ.

Fi żmien seba' snin mill-adozzjoni u kull erba' snin wara dan iż-żmien, il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni ġenerali tal-Eurodac, billi teżamina r-riżultati miksuba permezz ta' miri, u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, inkluż jekk l-aċċess għall-infurzar tal-liġi wassalx għal diskriminazzjoni indiretta kontra persuni koperti b'dan ir-Regolament, u tagħmel stima dwar il-validità kontinwata tar-raġunijiet bażiċi li għalihom ġie mwaqqaf, u kull implikazzjoni għal ħidmiet fil-futur, u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti r-rapporti dwar l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Kull Stat Membru u l-Europol għandhom jippreparaw rapporti annwali dwar l-effettività tat-tqabbil *tad-data* tal-marki tas-swaba' *mad-data* tal-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, li jkun fihom statistiki dwar in-numru ta' talbiet u hits riċevuti.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

(1) Id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont il-proposta l-ġdida għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni.

(2) Il-kontroll tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali lejn l-UE u fiha għall-finijiet tad-dokumentazzjoni mill-ġdid u r-ritorn.

(3) Għajnuna fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi vulnerabbli bħal minorenni li spiss jisfaw vittmi ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin.

(4) L-infurzar tal-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali, it-terroriżmu u theddid ieħor għas-sigurtà;

(4) Assistenza fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni*] billi jiffaċilita l-applikazzjoni tar-raġunijiet għall-esklużjoni (kif spjegat fil-punt 1.4.3).

(5) Assistenza fl-immappjar ta' movimenti mhux awtorizzati billi jingħaddu (għall-ewwel darba) l-applikanti.

(6) Appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-qafas tal-interoperabbiltà (inklużi emendi għar-Regolament dwar l-Interoperabbiltà) u, f'dan il-kuntest, appoġġ għall-

objettivi tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS). Fir-rigward tal-VIS, l-awtoritajiet kompetenti tal-viża għandu jkollhom aċċess għall-Eurodac biex jikkonsultaw *id-data* f'format li jinqara biss; dan se jipprovdi input fil-proċess ta' eżaminar u teħid ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għal viża. Għall-ETIAS, id-dispożizzjonijiet speċifiċi fir-Regolament Eurodac se jippermettu t-tqabbil bejn *id-data* fl-ETIAS u *d-data* fil-Eurodac sabiex ikunu jistgħu jitwettqu l-verifiki previsti mill-Artikolu 20 tar-Regolament dwar l-ETIAS. Barra minn hekk, l-unitajiet nazzjonali tal-ETIAS għandu jkollhom aċċess għall-bażi *tad-data* tal-Eurodac u jistgħu jikkonsultawha, f'format li jinqara biss, għall-fini tal-eżami tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar.

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex-ante*)

L-ebda Stat Membru waħdu ma jista' jlaħħaq mal-immigrazzjoni irregolari, movimenti mhux awtorizzati jew jittratta l-applikazzjonijiet għall-ażil kollha magħmula fl-UE. Kif wieħed seta' jara fl-UE għal bosta snin, persuna tista' tidħol fl-UE mill-fruntieri esterni, iżda mhux tiddikjara lilha nfisha f'punt ta' qsim tal-fruntiera determinat. Dan kien il-każ b'mod partikolari fl-2015-2014 meta aktar minn miljun migrant irregolari waslu fl-UE permezz ta' rotot tal-Mediterraean Ċentrali u tan-Nofsinhar. Bl-istess mod, fl-2015 kien hemm ċaqliq ulterjuri minn dawk il-pajjiżi li jinsabu fil-fruntieri esterni lejn Stati Membri oħra. Il-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli u l-proċeduri tal-UE bħall-proċedura biex jiġi stabbilit l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil, għalhekk, ma jistax isir mill-Istati Membri meta jaġixxu waħedhom F'żona mingħajr fruntieri interni, jenħtieġ li l-azzjoni kontra l-immigrazzjoni irregolari titwettaq b'mod komuni. Meta jitqies dan kollu, l-UE qiegħda f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tieħu l-miżuri xierqa.

Bl-istess mod, l-applikazzjoni effiċjenti tar-raġunijiet għall-esklużjoni skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni*] ma tistax issir mill-Istati Membri tiegħi waħedhom.

L-użu tat-tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti tal-UE (is-SIS, il-VIS u l-Eurodac) jagħti benefiċċji lill-ġestjoni tal-fruntieri. Informazzjoni aħjar dwar movimenti transfruntieri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq livell tal-UE tiddefinixxi bażi fattwali sabiex tgħin tiġi żviluppata u adattata l-politika tal-migrazzjoni tal-UE. Għalhekk, kienet meħtieġa wkoll emenda tar-Regolament Eurodac sabiex jiġi miżjud skop addizzjonali, jiġifieri li jitħalla aċċess għall-fini li tiġi kkontrollata l-migrazzjoni irregolari u l-movimenti mhux awtorizzati ta' migranti irregolari fl-UE (il-proposta tal-2016). Dan l-objettiv ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, billi emenda bħal din tista' biss tiġi proposta mill-Kummissjoni. Fl-istess sens, il-modifiki meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tal-qafas tal-interoperabbiltà jistgħu jiġu proposti biss mill-Kummissjoni.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jiġi ġġenerat (*ex-post*)

Huwa mistenni li r-Regolament Eurodac se jkollu valur miżjud fuq diversi livelli. L-ewwel nett, huwa mistenni li jiżgura l-applikazzjoni effiċjenti u rapida tar-regoli previsti mill-proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni (is-sistema ta' Dublin preċedenti) billi jimmarka b'mod ċar l-informazzjoni meħtieġa, bħat-trasferiment tar-responsabbiltà minn Stat Membru għall-ieħor, *id-data* għar-rilokazzjoni jew *id-data* rilevanti għall-istabbiliment tar-responsabbiltà. It-tieni, huwa mistenni li jgħin aħjar fil-kontroll tal-immigrazzjoni irregolari u fid-detezzjoni ta' movimenti mhux awtorizzati, fost l-oħrajn, billi jingħaddu l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali flimkien mal-applikazzjonijiet. It-tielet, huwa mistenni li jiżgura l-applikazzjoni effiċjenti tar-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni billi jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni mwettqa fl-istadju tal-proċedura ta' ammissjoni. Jekk tali informazzjoni ma tinsabx fil-Eurodac, din ikollha tinkiseb mill-Istat Membru li jkun qed imexxi dik il-proċedura ta' ammissjoni billi jikkuntattja bilateralment lill-Istati Membri l-oħra kollha. Ir-raba', huwa mistenni li jiġi żgurat il-funzjonament tal-Eurodac fil-qafas tal-interoperabbiltà billi xi wħud mid-dispożizzjonijiet fir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà jeħtieġ li jkollhom il-kontropartijiet xierqa fl-atti legali li jirregolaw il-bażijiet *tad-data* koperti mill-interoperabbiltà. Fl-aħħar nett, huwa mistenni li jiġu ffaċilitati r-ritorni u li tiġi żgurata rabta bla xkiel mal-iskrinjar.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

It-tagħlimiet ewlenin meħuda mill-aġġornament tas-Sistema Ċentrali wara l-adozzjoni tar-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac[32] kienet l-importanza tal-ġestjoni bikrija tal-proġett mill-Istati Membri u l-iżgurar li l-proġett ta' aġġornament tal-konnessjoni nazzjonali kien ġestit f'forma ta' stadji li jridu jintlaħqu. Għalkemm l-eu-LISA stabbiliet skeda riġida għall-ġestjoni tal-proġetti, kemm għal titjib fis-Sistema Ċentrali kif ukoll għal konnessjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri, għadd ta' Stati Membri naqsu jew irriskjaw li ma jiġux konnessi mas-Sistema Ċentrali sal-20 ta' Lulju 2015 (sentejn wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament).

Fil-workshop dwar it-tagħlimiet miksuba wara l-aġġornament tas-Sistema Ċentrali fl-2015, l-Istati Membri nnutaw ukoll li kienet meħtieġa fażi ta' tnedija għall-aġġornament li jmiss tas-Sistema Ċentrali biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jimmaniġġjaw il-konnessjoni mas-Sistema Ċentrali fil-ħin.

Instabu soluzzjonijiet alternattivi għal dawk l-Istati Membri li kienu tard biex jikkonnettjaw mas-Sistema Ċentrali fl-2015. Dawn inkludew li eu-LISA li tislef is-soluzzjoni ta' Punt Nazzjonali ta' Aċċess/Trażmissjoni tal-Immaġini tal-Marki tas-Swaba' (National Access Point, NAP/Fingerprint Image Transmission, FIT) lil Stat Membru wieħed li kien użat għal simulazzjonijiet ta' ttestjar mill-Aġenzija, billi l-Istat Membru inkwistjoni naqas milli jassigura l-finanzjament meħtieġ biex jibda l-proċedura ta' akkwist tiegħu ftit wara l-adozzjoni tar-Regolament Eurodac. Żewġ Stati Membri oħra kellhom jirrikorru għall-użu ta' soluzzjoni "in-house" għall-konnessjoni tagħhom qabel ma jinstallaw is-soluzzjonijiet ta' akkwist tagħhom NAP/FIT.

L-eu-LISA ffirmat Kuntratt Qafas ma' fornitur tas-servizzi għall-iżvilupp ta' funzjonalitajiet u servizzi ta' manutenzjoni għall-Eurodac. Ħafna Stati Membri użaw dan il-kuntratt qafas biex jakkwistaw soluzzjoni standardizzata NAP/FIT, li tiffranka

32 ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1.

l-ħin u l-fondi billi ma jkollhomx għalfejn imexxu proċeduri nazzjonali ta' akkwist. Kuntratt qafas simili jenħtieġ li jerġa' jiġi kkunsidrat għall-aġġornament futur.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Din il-proposta jenħtieġ li titqies bħala parti mill-iżvilupp kontinwu tar-Regolament ta' Dublin[33], propost li jiġi sostitwit mir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Patt Ġdid dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni (COM(2020) XXX final), il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'Saħħithom u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u għas-Sigurtà[34], kif ukoll b'rabta mal-fruntieri tal-ISF[35], bħala parti mill-QFP u l-istabbiliment tar-Regolament ta' eu-LISA[36].

Fil-Kummissjoni, id-DĠ HOME huwa d-Direttorat Ġenerali responsabbli għall-istabbiliment tal-Eurodac.

33 Ir-Regolament (UE) Nru. 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31.

34 COM(2016) 205 final.

35 Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE, ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143.

36 Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011. L-Artikolu 1.3 "L-Aġenzija għandha tkun responsabbli għat-tmexxija operattiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-Eurodac. ", ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99–137.

### 1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ mill-[JJ/XX]SSSS sal-[JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'fażi ta' żvilupp matul l-ewwel tliet snin wara l-adozzjoni,

– wara l-bidu tal-operat u l-manutenzjoni.

### 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

☐ Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☒ lill-korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti

| |
|---|
| Il-Kummissjoni tkun responsabbli għall-ġestjoni ġenerali tal-azzjoni u eu-LISA tkun responsabbli għall-iżvilupp, it-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistema. |

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-Sistema tal-Eurodac huma previsti fl-Artikolu 42 tal-proposta oriġinali tal-2016:

Rapport annwali: monitoraġġ u evalwazzjoni

1. eu-LISA għandha tippreżenta rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni *tad-Data*, inkluż dwar il-funzjonament u s-sigurtà tagħha. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-Eurodac skont indikaturi kwantitattivi definiti minn qabel għall-objettivi msemmijin fil-paragrafu 2.

2. eu-LISA għandha tiżgura li jkunu stabbiliti proċeduri sabiex jimmonitorjaw il-funzjonament tas-Sistema Ċentrali permezz ta' miri relatati mal-output, l-effettività fil-konfront tal-ispejjeż magħmula u l-kwalità ta' servizz.

3. Għall-finijiet tal-manutenzjoni teknika, tar-rappurtar u tal-istatistika, l-eu-LISA għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni meħtieġa relatata mal-operazzjonijiet tal-ipproċessar magħmula fis-Sistema Ċentrali.

3a. Fi żmien tliet snin mill-adozzjoni, l-eu-LISA għandha tagħmel studju dwar il-fattibbiltà teknika li żżid software ta' rikonoxximent tal-wiċċ fis-Sistema Ċentrali, għall-finijiet ta' paragun tal-immaġini tal-wiċċ. L-istudju għandu jevalwa l-affidabbiltà u l-preċiżjoni tar-riżultati miksuba mis-software tar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-finijiet tal-EURODAC u għandu jagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni neċessarja qabel l-introduzzjoni tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ fis-Sistema Ċentrali.

4. Fi żmien seba' snin mill-adozzjoni u kull erba' snin wara dan iż-żmien, il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni ġenerali tal-Eurodac, billi teżamina r-riżultati miksuba permezz ta' miri, u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, inkluż jekk l-aċċess għall-infurzar tal-liġi wassalx għal diskriminazzjoni indiretta kontra persuni koperti b'dan ir-Regolament, u tagħmel stima dwar il-validità kontinwata tar-raġunijiet bażiċi li għalihom ġie mwaqqaf, u kull implikazzjoni għal ħidmiet fil-futur, u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti r-rapporti dwar l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lil eu-LISA u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex ifasslu r-rapport annwali msemmi fil-paragrafi 1.

6. l-eu-LISA, l-Istati Membri u l-Europol għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex jitfasslu r-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Din l-informazzjoni la għandha tipperikola l-metodi ta' ħidma u lanqas ma għandha tinkludi informazzjoni li tiżvela s-sorsi, il-membri tal-persunal jew l-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet maħtura.

7. Filwaqt li jirrispetta d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni sensittiva, kull Stat Membru u l-Europol għandhom jippreparaw rapporti annwali dwar l-effettività tat-tqabbil *tad-data* tal-marki tas-

swaba' *mad-data* tal-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, li jkun fihom informazzjoni u statistika dwar:

— l-iskop preċiż tat-tqabbil, inkluż it-tip ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju,

— raġunijiet mogħtija għal suspett raġonevoli,

— ir-raġunijiet raġonevoli mogħtija biex ma jsirx tqabbil ma' Stati Membri oħra taħt id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, f'konformità mal-Artikolu 32(1) ta' dan ir-Regolament,

— l-għadd ta' talbiet għal tqabbil,

— l-għadd u t-tip ta' każijiet li rriżultaw f'identifikazzjonijiet pożittivi, u

— il-ħtieġa u l-użu tal-każ eċċezzjonali ta' urġenza, inklużi dawk il-każijiet fejn l-urġenza ma ġietx aċċettata mill-verifika *ex post* magħmula mill-awtorità ta' verifika.

L-Istati Membri u l-Europol għandhom jittrażmettu r-rapporti annwali tagħhom lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

8. Fuq il-bażi tar-rapporti annwali tal-Istati Membri u tal-Europol previsti fil-paragrafu 7 u b'żieda mal-valutazzjoni ġenerali prevista fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport annwali dwar l-aċċess tal-infurzar tal-liġi għall-Eurodac u għandha tittrażmettiha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni *tad-Data*.

## 2.2. Sistema(i) ta' ġestjoni u ta' kontroll

### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu(i) għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti*

L-eu-LISA hi maħsuba li tkun ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tal-iżvilupp u tal-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Hija għandha twettaq l-attivitajiet marbuta mal-iżvilupp/l-aġġornament u l-operazzjonijiet tas-Sistema Ċentrali tal-Eurodac.

Adozzjoni legali u żvilupp

Wara l-adozzjoni tal-abbozz tal-proposta/Atti ta' Implimentazzjoni u l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi s-Sistema Ċentrali tal-Eurodac se tiġi aġġornata. Matul il-fażi tal-iżvilupp, l-attivitajiet kollha ta' żvilupp se jitwettqu mill-eu-LISA. L-eu-LISA se tikkoordina l-ġestjoni tal-proġett tal-aġġornament tas-Sistema Ċentrali u s-sistemi nazzjonali fil-livell tal-UE u l-integrazzjoni tal-Interfaċċa Nazzjonali Uniformi mwettqa mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali.

Tħaddim

Sabiex tkun tista' tibda taħdem, l-eu-LISA trid tinnotifika t-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tas-Sistema Ċentrali tal-Eurodac li se jsir mill-Aġenzija flimkien mal-Istati Membri.

Operazzjonijiet

Matul il-fażi operazzjonali, l-eu-LISA għandha teknikament iżżomm is-sistema u għandha timmonitorja l-funzjonament tas-sistema permezz ta' miri. Fl-aħħar ta' kull sena, jenħtieġ li l-eu-LISA tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali li jiżgura riżultati affidabbli u preċiżi.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita(i) għall-mitigazzjoni tagħhom*

| |
|---|
| Ir-riskji li ġejjin ġew identifikati:<br><br>1) Diffikultajiet għal eu-LISA biex tmexxi l-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' sistema b'mod parallel għal żvilupp relatat ma' sistemi oħrajn aktar ikkomplikati (is-sistema ta' Dħul-Ħruġ, l-AFIS għas-SIS II, il-VIS,...) li jseħħu matul l-istess perjodu.<br><br>2) L-aġġornament tal-Eurodac jeħtieġ li jiġi integrat ma' sistemi tal-IT nazzjonali li jeħtieġ li jkunu kompletament allinjati mar-rekwiżiti ċentrali. Id-diskussjonijiet mal-Istati Membri biex jiżguraw uniformità fl-użu tas-sistema jistgħu jintroduċu dewmien fl-iżvilupp.<br><br><u>Ir-riskji deskritti hawn fuq jippreżentaw riskji tipiċi tal-proġett:</u><br><br>1. Ir-riskju li l-proġett ma jitlestiex fil-ħin;<br><br>2. Ir-riskju li l-proġett ma jitlestiex fil-limitu tal-baġit;<br><br>3. Ir-riskju li ma jintlaħaqx l-ambitu sħiħ tal-proġett.<br><br>L-ewwel riskju hu l-aktar importanti billi data ta' skadenza maqbuża twassal għal kostijiet akbar billi ħafna mill-kostijiet huma relatati mat-tul ta' żmien: Kostijiet tal-persunal, kostijiet tal-liċenzja mħallsa ta' kull sena, eċċ.<br><br>Dawn ir-riskji jistgħu jiġu mmitigati billi jiġu applikati tekniki ta' ġestjoni tal-proġetti, inkluża kontinġenza fi proġetti ta' żvilupp u ammont ta' persunal suffiċjenti biex ikunu jistgħu jiġu assorbiti l-eqqel perjodi ta' xogħol. Tabilħaqq l-istima tal-isforzi normalment issir billi jiġi supponut tqassim regolari tal-volum ta' xogħol maż-żmien, filwaqt li r-realtà tal-proġetti hi ta' volumi irregolari tal-proġetti li jiġu assorbiti minn allokazzjonijiet ogħla ta' riżorsi.<br><br>Hemm diversi riskji relatati mal-użu ta' kuntrattur estern għal dan ix-xogħol ta' żvilupp:<br><br>1. b'mod partikolari, ir-riskju li l-kuntrattur jonqos milli jalloka biżżejjed riżorsi għall-proġett jew li jfassal u jiżviluppa sistema li mhijiex l-aktar avvanzata;<br><br>2. ir-riskju li t-tekniki u l-metodi amministrattivi għall-immaniġġjar tal-proġetti tal-IT fuq skala kbira ma jiġux rispettati bis-sħiħ bħala mezz ta' tnaqqis tal-kostijiet mill-kuntrattur;<br><br>3. fl-aħħar nett, ir-riskju li l-kuntrattur jaffaċċja diffikultajiet finanzjarji għal raġunijiet esterni għal dan il-proġett ma jistax jiġi eskluż kompletament.<br><br>Dawn ir-riskji huma mmitigati billi jingħataw kuntratti fuq il-bażi ta' kriteri b'saħħithom tal-kwalità, bil-verifika tar-referenzi tal-kuntratturi u biż-żamma ta' relazzjoni b'saħħitha magħhom. Finalment, bħala l-aħħar rimedju, jistgħu jiġu inklużi u applikati penali b'saħħithom u klawżoli ta' terminazzjoni meta jkunu meħtieġa. |

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

| |
|---|
| L-eu-LISA hi maħsuba li tkun ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tal-iżvilupp u tal-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Hija għandha twettaq l-attivitajiet marbuta mal-iżvilupp/l-aġġornament u l-operazzjonijiet tas-Sistema Ċentrali tal-Eurodac. |

Il-kontijiet tal-Aġenzija jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri u soġġetti għall-proċedura ta' kwittanza. Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni se jwettaq awditjar b'kooperazzjoni mal-awditur intern tal-Aġenzija.

Il-proporzjon ta' "kostijiet tal-kontrolli/valur tal-fondi relatati ġestiti" huwa rapportat mill-Kummissjoni. Ir-RAA tal-2018 ta' DĠ HOME jirrapporta 0,31 % għal dan il-proporzjon fir-rigward tal-Entitajiet Fdati tal-Ġestjoni Indiretta u l-Aġenziji Deċentralizzati, inkluża l-eu-LISA. L-Aġenzija ma tirrapportax dwar dan l-indikatur separatament. L-eu-LISA rċeviet opinjoni tal-awditjar nadifa dwar il-kontijiet annwali tagħha għall-2017, li timplika rata ta' żbalji ta' inqas minn 2 %. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rata ta' żbalji se tmur għall-agħar fis-snin li ġejjin.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, pereż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Il-miżuri previsti kontra l-frodi huma stipulati fl-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) 2018/1726 li jistipula hekk kif ġej:

1. Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn, għandhom japplikaw ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament 2017/1939.

2. L-Aġenzija għandha taderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet interni mill-OLAF u għandha tadotta, mingħajr dewmien, id-dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenzija billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness għal dan il-Ftehim.

3. Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa tal-awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u ta' spezzjonijiet fil-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni mingħand l-Aġenzija.

4. L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fil-post, b'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 (49), bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' għotja jew kuntratt iffinanzjat mill-Aġenzija.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2, 3 u 4, kuntratti, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja tal-Aġenzija għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li espressament jagħtu s-setgħa lill-Qorti tal-Awdituri, lill-OLAF u lill-UPPE biex iwettqu verifiki u investigazzjonijiet skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Se tapplika l-istrateġija għall-prevenzjoni u l-kxif ta' frodi tad-DĠ HOME.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i ta' nefqa ġdida/ġodda proposta/i

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Intestatura 4: Il-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri<br>Kapitolu 11: Ġestjoni tal-Fruntieri | Diff/Mhux diff[37]. | minn pajjiżi tal-EFTA[38] | minn pajjiżi kandidati[39] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| 4 | 11.1002 - Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ("eu-LISA") | Differenzjat | LE | LE | IVA* | LE |

* eu-Lisa tirċievi kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi assoċjati mal-Ftehim ta' Schengen (NO, IS, CH, LI)

[37] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Non-diff. = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati

[38] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[39] Pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljuni (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **11** | Ġestjoni tal-Fruntieri |
|---|---|---|

| **EU LISA** | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1: Infiq għall-persunal | Impenji | (1a) | 0,300 | 0,300 | 0,300 | 0,300 | 0,300 | 0,300 | 0,300 | 2,100 |
| | Pagamenti | (1b) | 0,300 | 0,300 | 0,300 | 0,300 | 0,300 | 0,300 | 0,300 | 2,100 |
| Titolu 2: Nefqa operazzjonali u infrastrutturali | Impenji | (2 a) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | | | | |
| Titolu 3: Nefqa operazzjonali* | Impenji | (3a) | 13,700 | 21,030 | 14,870 | 5,500 | 5,500 | 5,500 | 5,500 | 71,600 |
| | Pagamenti | (3b) | 13,700 | 21,030 | 14,870 | 5,500 | 5,500 | 5,500 | 5,500 | 71,600 |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-eu-LISA** | Impenji | =1a+2a +3a | 14,000 | 21,330 | 15,170 | 5,800 | 5,800 | 5,800 | 5,800 | 73,700 |
| | Pagamenti | =1b+2b +3b | 14,000 | 21,330 | 15,170 | 5,800 | 5,800 | 5,800 | 5,800 | 73,700 |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | L-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea |
|---|---|---|

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela bl-użu tad-"*data* baġitarja ta' natura amministrattiva" li qabel kollox trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva, li jittella' fid-DECIDE għal finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

EUR miljuni (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **DĠ HOME** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 3,150 |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 3,150 |

EUR miljuni (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet madwar l-INTESTATURI** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 14,450 | 21,780 | 15,620 | 6,250 | 6,250 | 6,250 | 6,250 | 76,850 |
| | Pagamenti | 14,450 | 21,780 | 15,620 | 6,250 | 6,250 | 6,250 | 6,250 | 76,850 |

Ma hemm l-ebda kostijiet relatati billi l-kostijiet relatati mal-Punt ta' Aċċess tal-Europol għandhom jitħallsu mill-Europol.

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-eu-LISA - tabella tal-outputs*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **2021** | | Sena **2022** | | Sena **2023** | | Sena **2024** | | Sena **2025** | | Sena **2026** | | Sena **2027** | | TOTAL | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Tip | Kost medju | Numru | Kost | Numru | Kost | Numru | Kost | Numru | Kost | Numru | Kost | Numru | Kost | Numru | Kost | Numru | Kost |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 1 Evoluzzjoni tas-sistema funzjonali tal-Eurodac | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | Kuntrattur [40] | | | 0,130 | | 0,670 | | | | | | | | | | | - | 0,800 |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru1 | | | - | 0,130 | **-** | **0,670** | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | **0,800** |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 2 Titjib tal-kapaċità tal-bażi *tad-data* tal-Eurodac | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | Hardware, software [41] | | | 7,870 | | 11,260 | | 8,870 | | | | | | | | | - | 28,000 |
| - Riżultat | Manutenzjoni | | | 3,400 | | 3,500 | | 2,700 | | 2,400 | | 2,400 | | 2,400 | | 2,400 | - | 19,200 |
| - Riżultat | Proġetti+evoluzzjonijiet | | | 0,800 | | 0,800 | | 0,800 | | 1,000 | | 1,000 | | 1,000 | | 1,000 | - | 6,400 |
| - Riżultat | Risistemazzjonijiet | | | 0,400 | | 0,500 | | 0,100 | | | | | | | | | - | 1,000 |
| - Riżultat | Tiftix alfanumeriku | | | 1,000 | | 1,000 | | 0,500 | | | | | | | | | - | 2,500 |
| - Riżultat | Kopji tal-Passaport | | | 0,100 | | 0,300 | | 0,100 | | | | | | | | | - | 0,500 |
| - Riżultat | Rikonoxximent tal-wiċċ tal-EURODAC | | | | | 3,000 | | | | | | | | | | | - | 3,000 |
| - Riżultat | Manutenzjoni addizzjonali tal-EURODAC (Hardware/Software/attiv.attiv) | | | | | | | 1,800 | | 2,100 | | 2,100 | | 2,100 | | 2,100 | - | 10,200 |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | **20,360** | | **14,870** | | **5,500** | | **5,500** | | **5,500** | | **5,500** | - | **70,800** |
| **TOTAL għall-objettivi 1 sa 2** | | | | | | **21.030** | | **14.870** | | **5,500** | | **5,500** | | **5,500** | | **5,500** | - | **71,600** |

40 Il-kostijiet kuntrattwali kollha għall-aġġornamenti funzjonali huma maqsuma bejn l-ewwel sentejn bl-akbar parti tal-baġit fit-tieni (2) sena (wara l-aċċettazzjoni).

41 Pagamenti tal-kapaċità huma maqsuma fi tliet snin bħala 40 %, 40 %, 20 %

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

(1) ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva.

(2) ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Is-snin** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 3,150 |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 3,150 |
| **Barra l-INTESTATURA 7[42] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL DĠ HOME** | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 3,150 |

l-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[42] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

(1) ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

(2) ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| **Is-snin** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unitajiet ekwivalenti ghal full-time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED** [43] Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-pakkett tal-programm [44] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| Oħrajn (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL DĠ HOME** | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Diversi kompiti fir-rigward tal-Eurodac, pereżempju fil-kuntest ta' opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-programm annwali ta' ħidma u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu, sorveljanza tat-tħejjija tal-baġit tal-Aġenzija u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu, jassistu lill-Aġenzija fl-iżvilupp tal-attivitajiet tagħha skont il-politiki tal-UE, inkluż billi jipparteċipaw f'laqgħat tal-esperti, eċċ. |
| Persunal estern | |

Impatt stmat fuq persunal (FTE addizzjonali) — pjan ta' stabbiliment ta' eu-LISA

| **Karigi (tabella tal-persunal)** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|

[43] AC= Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JPD= Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

[44] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Karigi addizzjonali | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |

Ir-reklutaġġ huwa ppjanat għal Jannar 2021. Il-persunal kollu jrid ikun disponibbli mill-bidu tal-2021 biex jibda l-iżvilupp fi żmien xieraq u jiżgura l-bidu tal-operat tal-Eurodac fl-2021. Iż-żewġ (2) aġenti temporanji (Temporary Agents, TAs) huma meħtieġa biex ikopru l-ħtiġijiet kemm għall-implimentazzjoni tal-proġett kif ukoll għall-appoġġ operazzjonali u manutenzjoni wara l-iskjerament mal-produzzjoni. Dawn ir-riżorsi se jintużaw:

- Biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-proġetti bħala membri tat-tim tal-proġett, inklużi l-attivitajiet bħal: id-definizzjoni ta’ rekwiżiti u speċifikazzjonijiet tekniċi, il-kooperazzjoni u l-appoġġ lill-Istati Membri matul l-implimentazzjoni, l-aġġornament tad-Dokument ta’ Kontroll tal-Interface (Interface Control Document, ICD), is-segwitu tal-kunsinni kuntrattwali, l-attivitajiet ta’ ttestjar tal-proġett (inkluża l-koordinazzjoni tat-testijiet tal-Istati Membri, it-twassil tad-dokumentazzjoni u l-aġġornamenti eċċ.
- Biex jappoġġaw attivitajiet ta’ tranżizzjoni biex is-sistema tibda taħdem f’kooperazzjoni mal-kuntrattur (segwitu ta’ rilaxxi, aġġornamenti tal-proċess operattiv, taħriġ (inklużi attivitajiet ta’ taħriġ fl-Istati Membri) eċċ.
- Biex jappoġġaw attivitajiet fit-tul, definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet, tħejjijiet kuntrattwali f’każ li jkun hemm it-tfassil mill-ġdid tas-sistema (pereż. minħabba r-rikonoxximent tal-immaġini) jew fil-każ tal-kuntratt il-ġdid tal-Eurodac Maintenance in Working Order (MWO), se jeħtieġ li jiġu emendati biex ikopru bidliet addizzjonali (minn perspettiva teknika u baġitarja)
- Ikun infurzat l-appoġġ tat-tieni livell wara l-Bidu tal-Ħidma (Entry into Operation, EiO), waqt manutenzjoni u operazzjonijiet kontinwi.

Iż-żewġ riżorsi l-ġodda (FTE TA) se jagħixxu fuq il-kapaċitajiet interni ta’ tim li se jiġu wkoll utilizzati għall-proġett/kuntratt u segwitu finanzjarju/attivitajiet operazzjonali. L-użu ta’ TAs ser jipprovdi durata adegwata u kontinwità tal-kuntratti biex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju u l-użu tal-istess persuni speċjalizzati għal attivitajiet ta’ sostenn operazzjonali wara l-konklużjoni tal-proġett. Minbarra dan, l-attivitajiet ta’ appoġġ operazzjonali jeħtieġu aċċess għal ambjent ta’ produzzjoni li ma jistgħux jiġu assenjati lil kuntratturi jew persunal estern.

### *3.2.4. Kontribuzzjonijiet ta' terzi persuni*

Il-proposta/l-inizjattiva:

(1) ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn terzi persuni

(2) ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn terzi persuni li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Is-snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

(1) ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

(2) ☒ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☒ fuq dħul ieħor

indika jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa

☒ Linja tan-nefqa rispettiva fil-baġit tal-eu-LISA

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[45] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
| Linja tad-dħul rispettiva fil-baġit tal-eu-LISA | Pagamenti | Pagamenti | Pagamenti | Pagamenti | Pagamenti | Pagamenti | Pagamenti |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħrajn (pereż. il-metodu/il-formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

Eu-LISA għandha tirċievi kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi assoċjati mal-miżuri relatati mal-Eurodac kif stabbiliti fil-ftehimiet rispettivi *.

Il-kalkolu għandu jkun ibbażat fuq kalkoli reċenti għad-dħul għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-Eurodac mill-Istati li jikkontribwixxu attwalment għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ħlasijiet ikkunsmati) somma annwali għas-sena finanzjarja relevanti, ikkalkolata skont il-prodott domestiku gross bħala perċentwal tal-prodott domestiku gross tal-Istati parteċipanti kollha. Billi l-pagamenti kkunsmati huma

45 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % tal-kostijiet tal-ġbir.

magħrufa biss *a posteriori*, l-ammonti għas-snin rilevanti se jkunu magħrufa biss *a posteriori*, u għalhekk aħna nippreżentaw p.m. minflok ammonti reali. L-ammonti reali jenħtieġ li jkunu bbażati fuq *data* tal-EUROSTAT u jistgħu jvarjaw skont is-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati parteċipanti.

* Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001, p. 40).

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5)

Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta' Liechtenstein mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 39)

Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein għal Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kriterji u mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għal eżami ta' talba għall-ażil preżentata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (2006/0257 CNS, konkluż fl-24.10.2008, pubblikazzjoni fil-ĠU għada pendenti) u Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità, ir-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil preżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001).